# Mis-Sillabu

RIVISTA GĦALL-ISTUDENTI TAL-MATRIKOLA

Volum 2 Numru 2













IL-JIEN U LIL HINN MINNU

TWEĠIBA MUDELL:
IL-POEŻIJA TA' PISANI

L-UŻU TAL-METAFORA

SAN ĠWANN: SFOND GĦAR-RUMANZ

IL-ĦIDMA TAL-LETTERATI MALTIN FI
ŻMIEN IL-FAXXIŻMU

ID-DINJITÀ TA' DUN KARM

KORS FL-GĦARBI GĦALL-MATRIKOLA

peg Publications

PUBBLIKAZZJONI TAL-PUBLISHERS ENTERPRISES GROUP (PEG) LTD.

25ċ

# Mis-Sillabu

**Maħruġ l-ewwel darba f'Settembru, 1984**

**Volum 2 Numru 2**

Pubblikat mill-Publishers Enterprises Group (PEG) Ltd,
Triq Herbert Ganado,
Il-Ħamrun, Malta.



© 1985 P.E.G. Ltd.
© Dritt Letterarju tal-kittieba

Il-jeddijiet kollha miżmuma. L-ebda silta ma tista' tkun ippubblikata jew maħruġa b'xi mod jew ieħor fotostatiku, elettroniku, mekkaniku, irrekordjat mingħajr il-permess bil-miktub tal-Publishers Enterprises Group (PEG) Ltd.



Phototypeset mill-Comprint Ltd, Il-Ħamrun
Mitbugħ mill-Imprint Ltd, Ħal Qormi



**Bord Editorjali**
Ġorġ Mifsud (*Editur*)
Mario Azzopardi (*Sub-Editur*)

*Konsulenti* J.M. Brincat
Geth Massud
Paul Xuereb


**Il-Kittieba**

Mario Azzopardi
J.C. Briffa
Oliver Friggieri
Ġorġ Mifsud
Marlene Mifsud
Marjanu Vella
Alfred Zerafa

**F'FIH**


**Il-Problema Eżistenzjali fil-Poeżija "Il-Jien u Lil Hinn Minnu"**
*Oliver Friggieri* 201
**Tweġiba Mudell: Ġorġ Pisani**
*Ġorġ Mifsud* 206
**L-Użu tal-Metafora**
*J.C. Briffa* 207
**Sfond għal "San Ġwann": ir-Rumanz Romantiku-Storiku Malti**
*Marlene Mifsud* 208
**Il-Ħidma Letterarja f'Malta fi Żmien il-Faxxiżmu (2)** *Mario Azzopardi* 210
**Id-Dinjità ta' Dun Karm**
*Patri Marjanu Vella* 213
**Pass Pass lejn il Livell Ordinarju (5)**
*Alfred Zerafa* 214
خطوة خطوةً إلى المستوى العادي (٥) بقلم الفريد زرافا
**Mingħand il-Qarrejja** Kopertina


## *L-EDITORJAL*

F'din il-ħarġa ta' Ottubru qed infakkru egħluq l-24 sena mill-mewt ta' Dun Karm u nifthu l-anniversarju tal-25 sena minn mewtu. Il-kitbiet ta' Oliver Friggieri u Marjanu Vella, O.F.M., jitkellmu weħidhom, imma ma nistgħux ma nsemmux il-ktieb li ħadna ħsieb noħorġu fuqu wkoll fis-sensiela *Noti għall-Istudenti tal-Matrikola* fejn hemm noti kritiċi u tagħrif ġdid minn Ġużè Cassar Pullicino. Magħhom irridu ndaħħlu l-bosta kitbiet ta' Paul Xuereb u Mario Azzopardi li lkoll flimkien isawru għall-istudent u għall-istudjuż tal-Malti l-isbaħ panorama ta' kritika u ta' riflessjoni fuq il-poeta nazzjonali.

Li tarmi lil Dun Karm m'hix ħaġa. Tkun qed tarmi l-verità ta' l-Istorja tal-Letteratura Maltija f'waħda mill-ewwel epoki interessanti tagħha u fejn il-Malti kellu jaħseb biex lil-lingwa tiegħu jagħtiha skop lingwistiku u skop letterarju. Imma min-naħa l-oħra d-dnub ikun daqshekk ieħor kbir jekk wieħed iwarrab il-fażi moderna tal-letteratura Maltija biex jinċensa lil min jogħġbu. Huwa dmir il-kittieba tal-ġenerazzjoni ta' llum li liż-żgħażagħ u lill-istudenti tagħna nippreżentawlhom stampa sħiħa taż-żminijiet ta' Dun Karm mingħajr ma nonfħuh fil-vojt għax ma għandniex xi ngħidu aktar. Is-serjetà ta' l-arti u tal-kritika ma tiflaħx aktar li tkun mgħobbija bi preġudizzji u b'gosti personali. Daqskemm il-poeti "moderni" tas-sittinijiet ħassew li kellhom jidħlu għall-poeżija l-ġdida biex ikunu attwali, daqshekk ieħor Dun Karm ta' erbgħin sena ddeċieda li jibda jikteb bil-Malti biex ikun attwali għal niesu.

Illum wara daqshekk snin, l-aktar meta r-"rewwixta" letterarja tas-sittinijiet ilha li kkalmat, nistgħu nieqfu bil-kwiet u nifhmu oġġettivament l-importanza u l-kobor ta' Dun Karm fl-iżvilupp tal-poeżija Maltija. Hu kien il-poeta li ħoloq lingwaġġ poetiku Malti kważi għall-ewwel darba u din il-lingwa poetika saret ħaġa waħda mit-tradizzjoni letterarja Maltija. Hu kien il-letterat li interpreta l-bżonnijiet attwali tal-poplu tiegħu. Imma l-kittieba l-ġodda għamlu sewwa li fehmu li l-bżonnijiet ta' Malta ta' wara t-Tieni Gwerra huma bil-wisq differenti mill-bżonnijiet ta' qabilha. Jekk fittxew idjoma ġdida sinjal li kienu qegħdin igħixu fi żmien ġdid. B'hekk kienu leali għall-messaġġ kreattiv ta' Dun Karm fil-bidu tas-seklu li ma riedx jibqa' jagħmel "bħall-oħrajn". Dawn "l-oħrajn" fis-sittinijiet kienu Dun Karm u l-poeti imitaturi u/jew glorifikaturi tiegħu. Ma sar xejn ħażin meta l-moderni fittxew u rnexxielhom isibu toroq ġodda għalihom.

Jalla l-messaġġ kreattiv ta' Dun Karm nibqgħu nimxu warajh fiż-żminijiet li ġejjin. L-avventura letterarja li daħal għaliha jeħtieġ li tissokta bil-kriterji l-ġodda taż-żminijiet il-ġodda.


**Mis-Sillabu**

**Abbonamenti u ħarġiet ta' qabel mingħand**
P.E.G. Book Centre,
Savoy Shopping Arcade,
Il-Belt Valletta. Tel: 621229

**OLIVER FRIGGIERI dwar**

# IL-PROBLEMA EŻISTENZJALI FIL-POEŻIJA

# IL-JIEN U LIL HINN MINNU

**IL-POETA NNIFSU STQARR** li kellu l-ħsieb jikteb *Il-Jien u Lil Hinn Minnu* biex isawwar epilogu għal *I Sepolcri* ta' Ugo Foscolo. Fid-definizzjoni li jagħtih l-awtur Malti, Foscolo, wieħed mir-rappreżentanti ewlenin tar-romantiċiżmu Ewropew, kien bniedem mingħajr twemmin u nieqes mit-tama Nisranija tad-dinja metafiżika, u l-filosofija tiegħu kienet dik li tintemm malli jintemm il-jien, l-essri uman, u tasal il-mewt bħala l-wetqa tal-liġi aħħarija. Sa dan il-grad biss jasal ir-razzjonaliżmu pur li tinbena fuqu r-reliġjon ta' l-oqbra mxandra fil-karme ta' Foscolo. Bil-għan li jeħodha kontra din il-viżjoni, u li jbiddel ir-reazzjoni f'poeżija, Dun Karm xtaq joħloq opra oħra li fiha s-setgħa razzjonali, imsieħba u mbagħad imwettqa mill-karità (mifhuma teoloġikament u filosofikament), twelled dik l-esperjenza moħbija li s-soltu tissejjaħ fidi, dik li waqt li tidher tiċħad l-affermazzjonijiet ta' l-intellett kburi, hija l-qofol tagħhom, għaliex tmexxi lill-bniedem fil-mixja mwiegħra lejn l-għarfien ta' l-eżistenza mifhuma bħala misteru, aktar milli bħala damma ta' liġijiet li jistgħu jitfissru. Bil-fidi l-bniedem jagħraf l-egħluq u l-limitatezza tiegħu nnifsu u wkoll l-infinità ta' Alla. Hawn, għal Dun Karm, jinsab il-''credo ut intelligam'' ta' dak li għalih, fil-ħażna kulturali kollha li kellu, kien ''l-akbar u l-ifjen filosfu'', Santu Wistin.[1]

*Il-Jien u Lil Hinn Minnu* nbdiet fl-1936, is-sena tal-pubblikazzjoni tal-qlib tas-*Sepolcri*, u tlestiet sentejn wara.[2] Anki fid-dawl tal-mixja kronoloġika tal-kitba kreattiva tal-poeta, mela, il-poema hi parti mill-esperjenza tiegħu bħala ħassieb tat-temi l-kbar, għaliex hu sewwa sew f'dan iż-żmien ta' ħajtu, bħala bniedem u bħala artist, li telgħu fil-wiċċ dawk il-preokkupazzjonijiet li wassluh għall-kitba ta' ċerti xogħlijiet u għall-konfrontazzjoni ideali u kalma, imqar jekk imweġġgħa, ma' pożizzjonijiet filosofiċi differenti minn tiegħu. Fl-istess ħin riflessjoni ta' xeħta kronoloġika turi li l-poema hi qrib ħafna tal-meditazzjonijiet tiegħu fuq il-karme. Fl-1937 mietet is-''sieħba'' żagħżugħa Ġannina Pisani. Fit-tifkira eleġijaka tal-mewt bikrija tagħha f'*Lil Ġannina Pisani*, Dun Karm iħares lejn ix-xenarju taċ-ċimiterju minn żewġ aspetti: fuq naħa waħda hemm l-ambjent ħiemed u mbikkem ħejn taħkem bla tama ta' tibdil il-mewt fiżika, u fuq in-naħa l-oħra dan l-istess kuntest jitbiddel f'santwarju reliġjuż li jnebbaħ iċ-ċertezza ta' qawmien ġejjieni u dejjiem. Il-preżenza tan-natura sabiħa li tħaddan madwarha l-qabar tal-mejta (ta' min jinnota li l-poeta, hu u jsegwi l-binja strutturali doppja tal-konċezzjoni Foscoljana, iħallat flimkien l-innu lill-fertilità għammiela tan-natura ma' l-eleġija tal-qerda umana) tagħti l-ispunt lill-konfront bejn il-ħajja u l-mewt, għaliex xejn ma jista' jqajjimha mill-ġdid min-''nagħsa tqila''.[3] Iżda l-mottiv li jserrep matul il-versi kollha u t-tama, u l-wegħda ta' Kristu trid isseħħ, waqt li r-rabtiet ta' mħabba (vv. 23 – 25), għandhom jissaħħru aktar meta t-tnejn – il-poeta (ħaj) u x-xebba (il-mejta), protagonisti ta' kollokju ideali Kristjanizzat fid-dawl tal-''corrispondenze d'amorosi sensi'' Foscoljana – ibiddlu dan id-djalogu f'eżistenza diretta ġdida u jgħixu bħal aħwa madwar missier wieħed.

## IL-POEŻIJA SEPOLKRALI F'DUN KARM

IL-POEŻIJA SEPOLKRALI, madankollu, hi preżenti f'Dun Karm sa mill-1927, is-sena meta kiteb *Fil-Katakombi*. Iċ-ċimiterju hu mbiddel minn issa fi mkien imfawwar bil-mistennija ħerqana tad-destin etern li riesaq. M'hux miċħud jew imwarrab in-niket fatali li jaħkem fis-saltna tal-mejtin, li għadhom jitkellmu u jiżvolġu korrispondenza ħanina mal-ħajjin tagħhom, iżda hu taħdit li mhux biss itakkar il-virtujiet ħejjieda iżda jħabbar ukoll ir-resqien tar-rebħa ta' l-ispirtu fuq il-materja, ta' l-eternità bla tibdil fuq iż-żmien li jħassar gradatament. Ir-raqda hi temporanja biss u kullimkien fil-għalqa tal-mejtin jitkanta l-innu tat-twemmin li rebaħ lid-dinja. L-istess tematika terġa' tidher fl-1933 b'*Naf u Nemmen*, isem li jixħet dawl ċar fuq il-konfront bejn ir-raġuni (li titlef) u l-fidi (li tegħleb biex tirbaħ). Ir-ruħ tħossha mħaxkna bejn xejriet kontra xulxin iżda hi l-preżenza tas-salib, waħdieni iżda qawwi u sod, li troddilha s-sliem. *Fil-Katakombi*, miktuba fl-1934, tippreżenta wiċċ imb'wiċċ, biex tikkonfronta, lill-katakombi nisrani, sempliċi u fqir, u l-bini ta' għaġeb ta' Ateni u Ruma tal-qedem klassiku. Fil-katakombi m'hemmx l-arti kburija li biddlet il-bliet f'kapulavuri li ma jistgħux jingħelbu, u ħadd ma fittex li jħalli f'dak l-imkien ix-xbiha tiegħu nnifsu minquxa biex jimmortalizza ruħu storikament. Kull min niżel hemm isfel, jissokta l-poeta, ma kienx minn din id-dinja, u kien jaf li r-raqda tal-mewt m'għandhiex iddum għal dejjem.



Mal-mogħdija tas-snin il-poeta ssokta jimmatura fih din l-esperjenza Foscoljana Kristjanizzata u stenna l-waqt xieraq biex ikun jista' jintegra l-fili tiegħu kollha f'opra akbar li tbiddel fil-wisa' l-punt tal-wasla tar-razzjonalista f'punt tat-tluq għal realtà diversa ħafna, dik li l-poeta stħarreġ u rnexxielu jsib fl-ogħla twemmin fid-dinja metafiżika. Mill-aspett kollu kemm hu artistiku, l-għana kotran tal-viżjoni Foscoljana ma jinstabx, u ma jistax jinstab, fil-poema Maltija. L-artista li jemmen f'realtà oħra, bħalma hi dik tal-fidi, m'hux qagħda li jgħawwiġha, jimmodifikaha skond suġġestjonijiet immaġinattivi jew saħansitra li joħloqha mill-ġdid skond ''reliġjon'' pesonali; hu ddmir tan-natura konsistenti tiegħu, anzi, li jilqagħha bil-fedeltà u jbiddilha f'esperjenza personali, iżda dejjem predeterminata fil-qofol. Waqt li jissieħeb fil-wirt komuni ta' twemmin varju, dan it-tip ta' poeta hu dejjem lest li jiċħad ix-xejriet tas-soġġettiviżmu tiegħu. Il-poeta li ma jemminx, min-naħa l-oħra, joħloq hu nnifsu l-fidi tiegħu u jeħodha kontra kull limitu li jiddefinixxi.



Ugo Foscolo

## L-ESPERJENZA FOSCOLJANA: FAŻIJIET

L-EWWEL FAŻI ta' l-esperjenza Foscoljana f'Dun Karm kienet aċċettazzjoni sħiħa tas-setgħa stilistika u fantastika tal-karme;[4] it-tieni waħda ħadet is-sura ta' kontestazzjoni mill-qiegħ tal-kontenut filosofiku tagħha. Hi reazzjoni kalma, imġarrba b'qima u mhux b'polemika, mimlija ftehim u mogħdrija, u xi drabi l-poeta Malti jispiċċa biex jinnamra minn xi elementi tal-konċezzjoni pessimistika għax Dun Karm, bħala romantiku, hu dejjem sieħeb ideal ta' l-estetika tan-niket. Jibqa' dejjem romantiku wkoll fis-sens li l-ispiritwalità tiegħu tgħum il-ħin kollu fi klima ta' effużjoni sentimentali u ta' sogħba rassenjata. Minn stħarriġ bir-reqqa li jinżel iżjed 'l isfel mill-iskorċa tal-konfront bejn it-tnejn wieħed jikkonkludi li, minkejja żewġ viżjonijiet opposti, l-interess tat-tnejn jikkonċentra ruħu, essenzjalment, fuq l-istess mottiv: il-problema tal-ħajja wara l-mewt, is-sopravvivenza. Ir-rebħa li tegħleb din il-kriżi hi differenti, anzi kuntrarja, u bejn iż-żewġ pożizzjonijiet hemm id-dagħbien li jifred lill-fidi mix-xettiċiżmu jew saħansitra mill-ateiżmu.

## IL-MEWT U S-SOPRAVVIVENZA

GĦAL FOSCOLO L-MEWT treġġa' mingħajr ebda tama lill-materja lejn il-materja. Għalhekk l-oqbra huma bla fejda u bla siwi għall-mejtin. Iċ-ċiklu dejjiem tal-ħajja jinbena biss fuq il-liġi suprema ta' l-univers: il-"forza operosa" li teqred kollox. Ir-raġuni kiesħa ma teħtieġx l-oqbra, iżda s-sentiment jinqeda bihom biex isawwar illużjoni ta' għajxien lil hinn mill-qerda fiżika. Hi l-forma waħdanija ta' tkomplija tal-ħajja mogħtija lill-bniedem wara l-mewt, u b'hekk tinħoloq "corrispondenza d'amorosi sensi": il-ħajjin u l-mejtin jitkellmu flimkien, jiffurmaw rabta fantastika ġdida, kollha kemm hi ideali u ġewwiena, mibnija fuq l-"eredità d'affetti" mħollija fid-dinja wara t-tmiem bijoloġiku. L-oqbra huma biss ix-xbiha konkreta ta' din il-ħajja ideali mġebbda.

Huma l-ħajjin li jissoktaw il-ħajja ideali, u minn dan il-wirt spiritwali l-ħajjin isibu ruħhom f'qagħda li jiksbu



lehma fejjieda għall-eżistenza tagħhom. Hi, għalhekk, l-istorja mgħoddija li tmexxi lill-preżent u lill-ġejjieni. Ix-xejn ta' dejjem hu l-punt tal-wasla ta' l-eżistenza umana. Id-djalogu sepolkrali bejn ħajjin u mejtin, l-immortalità storika, jidħol minflok l-eternità nisranija. Hi d-dinja, il-ħidma tal-bnedmin, li tibqa' ċ-ċentru tad-dehra tal-karme. B'dan il-mod Foscolo jfittex li jseddaq mill-ġdid il-kobor uman u jagħtih siwi dejjiem. Iżda l-individwu jinħall fix-xejn, u jinġabar il-konfront kollu bejn glorja u telfa, immortalità u tixjin.

Din hi deskrizzjoni parzjali tad-duttrina ta' l-oqbra; l-elementi tematiċi l-oħra ma jidħlux fir-reazzjoni ta' l-awtur Malti. Hi biss il-problema tal-mewt, tas-sopravvivenza u tal-wetqa tal-"persuna" f'dinja oħra li tikseb l-akbar żvilupp fil-poema. F'*Il-Jien u Lil Hinn Minnu* ma ħallew ebda diwi s-sentiment tal-patrija, il-funzjoni tal-poeżija bħala dik li teterna, anzi bħala s-saċerdotessa tal-valutazzjoni tal-kult ta' l-oqbra. Dawn il-partikularitajiet kollha li m'għandhomx sehem deċiżiv fl-iżvolġiment tal-problema metafiżika huma mħollija barra u hu biss il-poeta bħala nisrani li hu attiv hawn bi protesta kontra ċ-ċaħda tal-prinċipji ewlenin ta' twemminu.

Iżda l-bidu taż-żewġ qagħdiet tar-ruħ jinstab fit-telfa ta' l-ordni personali. Hi l-eżistenza stess li titbiddel fi problema għall-poeta li issa xedd ukoll il-libsa tal-ħassieb. Foscolo jfittex li jegħleb il-qagħda bla rimedju tal-bniedem li jirraġuna, għaliex ir-raġuni ma tagħti ebda ġustifikazzjoni lill-kunċett illużorju tal-ħajja ideali wara l-mewt. Hu s-sentiment li għandu l-ħila joħloq u jmur lilhinn mir-realtà magħrufa. Biex jibni tajjeb lid-dinja tiegħu, Foscolo jeħtieġlu jħalli barra lill-intellett u jrodd il-primat lis-setgħa emottiva. Hi l-illużjoni ħallieqa li tittraxxendi l-mewt u toffri alternattiva għall-qagħda ta' disperazzjoni.

## IR-RAĠUNI GĦAL DUN KARM

GĦAL DUN KARM IR-RAĠUNI ma tafx twieġeb u tiskot, togħtor u ċċedi; is-sentiment hu l-kawża tal-kriżi għaliex ibati u ma jistax jissuġġerixxi għamla oħra ta' rebħa fuq il-qerda. Fid-daħla għall-poema Dun Karm jistqarr li ż-żewġ setgħat umani għandhom iżommu bilanċ meqjus bejniethom: "Bħal żewġ roti ta' karrettun, dawn iż-żewġ qawwiet jeħtiġilhom iduru ndaqs, jimxu flimkien (...) Bir-raġuni l-bniedem għamel rebħlet ta' l-għaġeb fid-dinja ta' madwaru (...) Iżda fl-univers u lilhinn minnu hemm ħwejjeġ oħra bla għadd li r-raġuni, għalkemm xi drabi tista' tobsorhom jew mis-sens tieħu ħjiel tagħhom u titħaddet fuqhom, ma tistax tifhimhom (...) Imma jekk fuq il-jien tar-raġuni – il-jien biered, egoista, kburi – tinfirex is-sħana, it-tjieba, il-ħlewwa ta' l-imħabba, dik it-tweġiba tiġi; u tiġi għaqlija, sabiħa, għaxxieqa."[5]

Fi kliem ieħor, Dun Karm jixtieq jirreaġixxi Kristjanament kontra t-teorija tal-jien ħallieq bħala ċ-ċentru tad-dinja, u ta' l-illużjoni bħala l-prinċipju li jqanqal il-ħidma tal-bniedem. Bis-saħħa taċ-ċaħda ta' din il-viżjoni, riżultat tas-soġġettiviżmu Kantjan, Dun Karm jirrestawra din il-binja intellettwali billi jdaħħal il-mottiv tal-fidi bħala s-sies fundamentali ta' l-esperjenza dinjija kollha. Kontra "il sistema della continua illusione," biex nisiltu kliem Rosmini, il-Kristjan jagħraf punt ta' riferiment oġġettiv (il-ġenna tad-dinja l-oħra) minflok l-"illusione creante" (il-ġenna soġġettiva li Foscolo jqiegħed fir-ruħ u fit-tifkira tal-bniedem). Fil-fatt ir-restawrazzjoni ta' Dun Karm hi qrib ħafna ta' dik li Rosmini jippreżenta fis-*Saggio sopra alcuni errori di U. Foscolo* fejn jissostitwixxi l-funzjoni mħollija f'idejn l-illużjoni (maħluqa mill-jien egoista) bil-missjoni tal-Kristjaneżmu li tabilħaqq, fi kliem Rosmini, "soddisfa tanto a tutte le umane necessità."[6]

Dun Karm isejjaħ il-poema tiegħu "għanja tal-moħħ, tal-qalb u tar-ruħ" u b'effett ta' din l-impostazzjoni l-kriżi ġewwiena tasal fil-punt ta' l-ogħla żvilupp fil-versi 221 – 60 fejn jiżvolġi ruħu d-dibattitu ħerqan u aktarx imnikket bejn il-moħħ u l-qalb (figurazzjoni li tfakkar id-"due ragazze", waħda kiesħa u bla għaqal u l-oħra għaqlija, ta' *A mia madre* ta' Zanella).

## IL-FIDI GĦAL DUN KARM U N-NATURA

FL-AĦĦAR MILL-AĦĦAR hi l-qalb wemmiena, mimlija tama, li titkellem, anzi li tisħaq li titkellem anki meta



**Alfieri**



**Parini**

tinsab fid-dubju u waslet fix-xifer tad-disperazzjoni. Iż-żewġ poeti jsibu ruħhom quddiem l-istess problema, iżda Foscolo jikkonċentra fuq il-mewt u Dun Karm iħares kemm lejn il-ħajja u kemm lejn il-mewt għaliex huma t-tnejn li jnisslu n-niket uman u jsawru eżistenza waħda. Il-kontemplazzjoni fuq il-ħajja mwiegħra (jiġifieri l-problema tal-ħażen li tokkupa parti kbira mill-poema Maltija) u fuq il-mewt bħala l-aspett ewlieni ta' l-istess problema tixhed li fil-viżjoni tal-poeta-qaddis l-eżistenza nnifisha hi problematika. Sa ċertu punt hu jimxi 'l quddiem billi jiżvolġi saħansitra l-idea Leopardjana li l-eżistenza tfisser tbatija, u li l-ferħ jitnissel mit-tbatija, jiġifieri meta din tieqaf.[7]

Ħarsa lejn il-520 endekasillabu maħlul ta' l-opra Maltija tissuġġerixxi rabta mill-qrib mal-viżjoni ċentrali tal karme, u jiġġustifika l-istqarrija ta' l-awtur li l-poema hi mifhuma bħala l-epilogu tas-"Sepolcri". L-ewwelnett, il-'bella d'erbe famiglia e d'animali"[8] hi preżenti l-ħin kollu fl-esperjenza ta' Dun Karm. Is-saltna tal-veġetazzjoni u tal-ħlejjaq animati tippreżenta ruħha bħala dinja wiesgħa mimlija enerġija; hi l-"omm" li tikxef u tgħallem is-sigrieti tal-ħolqien u li tmantni lill-ħlejjaq.[9] In-natura tieħu forom varji bis saħħa ta' l-elementi fondamentali ta' l-univers.[10] Is-seħer tan-natura jaħkem fuq l-isfond imnikket u tqil taċ-ċimiterju Foscoljan, u twaħħad is-sens ta' qrusa mal-ħlewwa ironika ta' dinja insensibbli. Dun Karm jikkonserva dan l-istess ambjent bl-irqaqat tiegħu u jagħtih sehem ċentrali, anzi jippersonifikah, iġiegħlu jitħaddet dwar id-divinità moħbija u jlaħħam fid-dehriet diversi ta' dan l-ambjent is-simbolu tal-verità li hu jilqa' mingħajr ma jista' jipprova xjentifikament. Għalhekk in-natura tal-*Jien u Lil Hinn Minnu* m'għandhiex biss il-funzjoni li tiżviluppa l-motiv eleġijaku, iżda wkoll li tqarreb misterjożament il-maħluq u l-ħallieq.

Waqt li Foscolo jċaqlaq il-viżjoni tiegħu fuq l-ordni mitoloġiku u leġġendarju tad-dinja pagana, Dun Karm jikkristjanizza l-ħolqien kollu, u jagħżel ix-xbihat tal-kultura evanġelika.[11] Foscolo jonqox, bħala skultur, u Dun Karm jispiritwalizza, bħala mistiku (għad li, bla dubju, bħala poeta hu bniedem tas-sensi). L-għan m'hux biss letterarju, iżda jintrabat mill-qrib mal-konċezzjoni sħiħa ta' kull wieħed. Fil-poema Maltija, minkejja l-bini ta' xenarju mimli enerġija u ħidma attiva, hu l-ispirtu li jaħkem u fuq is-sens issaltan il-qagħda tar-ruħ, fuq il-materja jitla' l-fenomenu divin.[12]

Fis-"Sepolcri" hemm l-għoljiet, il-ġonna, ix-xmajjar, l-egħjun u l-baħar; fil-poema Maltija hemm il-ward, l-agħsafar, il-kwiekeb u l-baħar. Hemm, fuq kollox, ix-xemx. Ix-xemx Foscoljana "risplende sulle sciagure umane," u dik ta' Dun Karm hi mkeffna qalb is-sħab tqil waqt li tibki fuq in-nixfa mnikkta ta' l-art.[13]

## IL-MOTTIV TA' L-OMM U L-KOBOR UMAN

FOSCOLO, magħruf għall-qima kbira tiegħu lejn ommu, igħaqqad it-tema awtobijografika mat-tema metafiżika u fit-"tetto materno" tal-vers 65 jiġbor it-tnehid nostalġiku li ġarrab għall-ħajja familjari li ma seta' jgawdi qatt aktar. Is-sehem mogħti lill-omm f'*Il-Jien u Lil Hinn Minnu* ma jissuġġerixxix biss it-tifkira ta' mara mejta; hi, fil-fatt, il-personifikazzjoni tal-verità rivelata, is-simbolu ta' għajn fejjieda ta' tmexxija morali.[14] Il-figurazzjonijiet ta' Foscolo – Parini, Alfieri, il-*Parche*, Elettra, ix-xebbiet mużi, Cassandra u Omeru – jiġbru fihom infushom il-kobor uman. Ma jistgħux jitħalltu ma' xulxin minħabba l-linearità skultorja tagħhom, u għandhom fiżjonimija li taħkem fuq l-ambjent, u timlieh. Is-soluzzjoni pagana tfittex li tagħti valur universali lill-bniedem. Iżda l-kunċett Kristjan, għad li jerfa' post importanti lill-individwu fid-dinja l-oħra, iħallat l-innu ma' l-eleġija, il-glorja fuq il-livell metafiżiku mat-tixjin tal-materja:

> *Eluf ta' ħajjin oħra*
> *miegħek jintemmu, iżda l-egħjun tal-Ħajja*
> *ma jinxfu qatt, u tibqa' sejra n-nisġa*
> *ta' ħajja u mewt, ta' ferħ, ta' lfiq u niket.*[15]

Imnebbħin minn dan il-mottiv ewlieni, anzi marbutin sfiq miegħu, il-figurazzjonijiet Dunkarmjani huma kważi delli-jiet, bnedmin mingħajr sfond storiku u isem. Hemm l-iltim ċkejken li jiġri mitluf qalb l-oqbra siekta biex jiltaqa' ma' missieru mejjet; isejjaħlu b'leħen għoli u jistenna tweġiba, iżda ħadd ma jkellmu, ħlief it-tvenvin tar-riħ li jserrep qalb iċ-ċipress.[16] U hemm fuq kollox l-omm twajba li temmen bil-ħerqa f'Alla u fil-fenomenu tat-traxxendenza. Il-poeta jitħaddet magħha, mejta bosta snin qabel, iżda l-kollokju jsir realtà oġġettiva, u mhux biss illużjoni maħluqa mis-sentiment ħallieq.[17] M'hix biss korrispondenza ideali iżda wkoll antiċipazzjoni tat-twaħħida korali li se sseħħ fil-ġenna Kristjana. B'dan il-mod tithejja fuq l-art il-fużjoni sħiħa ta' l-erwieħ, u se tkun il-mewt fiżika li tagħtiha bidu. Il-problema (Foscoljana) titbiddel f'soluzzjoni (Kristjana).

Il-"korrispondenza d'amorosi sensi" hi mbiddla f'ritwal liturġiku għax hi msejsa fuq l-ideal evanġeliku li jara fil-virtujiet morali l-punt ewlieni tar-rabta bejn il-ħajjin u l-mejtin. Dun Karm iżommu f'moħħu l-kunċett ta' l-"eredità d'affetti" li tissintetizza ruħha fil-karità bħala l-prinċipju ċentrali tal-verità nisranija. L-imħabba, jikteb il-poeta, ma tmutx, anzi tmur lilhinn mil-limiti taż-żmien u ta' l-ispazju, u bis-saħħa tagħha l-qlub, għad li mifruda minħabba l-mewt, jissoktaw jiżvolġu djalogu intimu u jistennew il-jum meta jsawru lkoll flimkien "fjamma waħda fin-nar ta' Mħabba."[18]

## IL-FIGURAZZJONIJIET

FL-ISTĦARRIĠ TAL-FIGURAZZJONIJIET jeħtieġ li wieħed iżomm fi ħsiebu d-differenza fondamentali li hemm bejn it-trattament tal-wieħed u ta' l-ieħor. Il-figuri Foscoljani, solidi u jintmessu, jiġbru fid-dehra sensibbli tagħhom il-ħerqa tal-bniedem għall-immortalità. Dawk tal-poeta nisrani huma

**Il-mara: personifikazzjoni tal-verità**



essenzjalment vokali, jinstemgħu u ma jidhrux, jieħdu s-sura ħarrieba ta' iħirsa qaddisa, preżenti kullimkien minħabba l-mobbiltà reliġjuża tagħhom, jinħallu sottilment u jdubu fil-kumpless ta' l-ambjent waħdieni u ħiemed tan-natura mħassba u fuq kollox taċ-ċimiterju. Anzi lkoll jieħdu sehem limitat f'identità waħda, korali, jiġifieri dik tal-leħen kollu misteru. (Il-mottiv tal-leħen jissuġġerixxi l-intwizzjoni, il-mod kif il-bniedem jista' jkun *jaf* il-fidi, f'konfront mal-mottiv tas-solidità Foscoljana li tissuġġerixxi r-raġuni li taf biss dak li tista' tipprova, it-tiġrib empiriku). Il-kelma li jlissnu, ta' nisel bibbliku, għandha ċertezza dommatika u tħabbar l-importanza assoluta tat-tieni ħajja li riesqa. Is-sentenza li tisħaq fuq it-tegħlib jew ir-rebħa fuq il-kriżi eżistenzjali, il-"credo ut intelligam" Agostinjan, minflok l-"intelligo ut credam" razzjonali, il-prinċipju li joħroġ mill-istħarriġ tal-kontenut Foscoljan, titlissen minn elementi varji tan-natura nnifisha, u l-koralità rassenjata u sielma tagħhom għandha l-għan li tagħti xhieda tal-preżenza moħbija ta' Alla misterjuż li jitkellem fil-forom maħluqa (hu l-"Alla moħbi" Dunkarmjan ta' poeżiji oħra). Il-konflitt fondamentali bejn l-intellett (is-setgħa limitatriċi tal-bniedem) u s-sentiment (is-setgħa li fl-aħħar tintuwixxi, u mhux tirraġuna, l-eżistenza oġġettiva tad-dinja metafiżika) jonqos gradatament waqt li n-natura, ħakkiema ta' l-ispettaklu kollu, ittenni l-kelma tat-twemmin. L-insistenza fuq il-kelma tal-fidi, l-*emmen* (l-imperattiv taċ-ċelebrant) u n-*nemmen* (l-indikattiv tal-kandidat li qiegħed jassisti bħala l-protagonista taċ-ċerimonja) m'hix ħlief evokazzjoni tar-ritwal tal-magħmudija mbiddel f'poeżija, eżempju tal-fidi astratta msarrfa fi kwadru.



**Il-magħmudija ta' Santu Wistin minn San Ambroġju**

**Tommasseo**



Is-sens uman li jaħkem hu s-smigħ, ir-ribelljoni ta' l-intellett tittaffa u l-attività titbiddel f'passività rassenjata ta' min hu mhejji jisma' l-ilħna misterjużi ta' l-elementi naturali, strumenti fidili li jxandru l-messaġġ divin. It-tema romantika tad-djalogu man-natura, xi drabi mogħdija psikoloġika tal-poeta li ma jemminx, hi msarrfa, bħalma hi f'xi Rosmini u f'oħrajn, f'liturġija nisranija li tfittex u ssib 'l Alla fil-kuntatt bniedem-natura, fl-egħmil tas-suġġett li jersaq lejn l-oġġett biex jissoġġettivah kristjanament:

*Kif tagħmel qalb l-għoljiet ragħda qawwija*
*li terġa' lura minn kull ġenb irdumi*
*u tidwi ġo widnejk, hekk reġgħet lura*
*minn kull tarf tal-Ħolqien dik it-twissija*
*u tenniet ġewwa moħħi: "Emmen! Emmen!"*
*"Emmen!" qalu s-Smewwiet fil-kobor*
*tagħhom (. . .)*
*. . . . ."Emmen! Emmen!"*
*tenniet l-Art, u bħal omm li tieħu 'l binha*
*ġo ħoġorha u bis-sabar ta' l-imħabba*
*tgħallmu ta' ktieb miftuħ il-ħżuż mitbugħa*
*u mill-ġżuż il-fehmiet ta' min kitibhom,*
*firxet quddiemi l-ġmiel li bħal sultana*
*ilibbisha u jagħniha. "Emmen! Emmen!"*
*għajjat b'leħen ta' ragħda l-Baħar wiesa'*
*u gerbeb fuq ix-xtut il-ħalel bojod*
*bir-ragħwa tad-dagħdigħa. "Emmen!*
*Emmen!"*
*tennieli . . .*[19]

Din hi, fil-qofol tagħha, l-istess tweġiba li Rosmini jipproponi kontra n-nuqqas ta' twemmin ta' Foscolo: "La natura ha bisogno di Dio per essere spiegata (. . .) Tutti que' sommi che più addentro videro nelle cose naturali, si compiacevano di essere vinti dalla profondità dei misteri degli esseri, che da per tutto rinvenivano, e in quelli sentivano la voce sonante fortissimamente di un Dio (. . .) Per chi adunque medita gli esseri naturali con cuor puro e con mente illuminata, questa scienza della natura diventa una scienza sacra: ella favella di Dio: ella appalesa un intelletto ed una forza infinite: ella confonde il filosofo, e così l'ammaestra: somministra alle anime sincere argomenti di cantici al loro Creatore . . ."[20]

## L-EGĦLUQ

L-istedina għat-twemmin, imwassla lill-poeta mill-ilħna tal-fenomeni naturali[21] li fl-aħħar jaħkmu weħidhom fuq l-ambjent ħiemed u miġbur, tirriduċi ruħha fil-kisba ta' kuxjenza tal-limitatezza umana, tan-nuqqas ta' fejda li hemm fl-istħarriġ intellettwalistiku u tas-supremazija sħiħa tal-verità metafiżika, imġarrba profondament iżda li ma tista' tkun mistħarrġa u pprovata b'ebda mod. Il-poema tagħlaq bil-mistennija solenni, min-naħa tal-poeta miġbur fih innifsu, tat-twettiq ġejjieni tal-misteru eżistenzjali f'dinja traxxendenti, u r-ribelljoni tal-bidu titbiddel f'talba. Is-silta aħħarija (vv. 509 – 20) tillustra figurattivament il-fehma Rosminjana li "l'aver bisogno d'un oggetto diverso da sè per esser felice, è prova della limitazione dell'uomo; il cercare questo oggetto nelle cose naturali forma la sua corruzione. La limitazione dell'uomo è occasione della sua grandezza (. . .) Il solo lume della religione rischiara le tenebre del suo cuore, e spiega a lui medesimo le sue voglie: e gli dà la ragione di queste tenebre e di queste incertezze: gli fa intendere come non può trovare nella terra la felicità."[22] In-nukleu metaforiku tas-silta ta' Dun Karm, waqt li jiġbor f'daqqa l-karattru tal-komponenti simboliċi ewlenin kollha tal-poema, ibiddel f'poeżija dak kollu li Rosmini, immexxi mil-lingwaġġ evanġeliku, fissser f'termini konċettwali:

*Issa mexxini Int, ja Dawl tas-Sema,*
*biex ma nerġax fil-għama ta' kburiti;*
*rażżan ġo fija l-Jien, l-għadu tas-Sewwa,*
*(. . .) imxejt biżżejjed*
*fid-dlam, intektek bil-għasluġ ta' ħsiebi,*
*(. . .)*
*Issa mexxini Int, għax fik biss nagħraf*
*il-għajb tal-jien u l-ġmiel ta' lil hinn minnu.*

Bħal Tommaseo tal-*Vocazione*, Dun Karm, wara li ġarrab ġewwa fih il-preżenza ta' żewġ kuxjenzi opposti (id-dubju tar-raġuni u ċ-ċertezza tal-fidi, il-faqar tas-sillogiżmu u s-siwi ta' l-intwizzjoni), u wara li sema' bir-reqqa l-ilħna tal-jien ribell, fuq naħa, u ta' l-omm u mbagħad ta' l-elementi tan-natura, fuq in-naħa l-oħra, iħoll id-dilemma personali billi jintelaq b'fiduċja fit-talba. Din hi, sa fl-aħħar il-"vokazzjoni" tiegħu ta' bniedem li jrid jikseb progressivament id-dinja l-oħra bis-saħħa tas-soluzzjoni li jissuġġerilu l-kollokju intimu ma' l-omm u man-natura li kellmuh f'isem Alla moħbi.

L-oppożizzjoni fondamentali bejn iż-żewġ poeti tidher tajjeb anki bis-saħħa ta' konfront ħafif bejn il-vers ewlieni tas-"Sepolcri", "All'ombra dei cipressi u dentro l'urne" u l-vers 142 tal-poema Maltija, "Ġos-siġar taċ-ċipress u qalb is-slaleb." L-intonazzjoni ritmika tal-vers Malti żżomm il-malinkonija tal-waqgħa Foscoljana u l-aċċent ta' l-endekasillabu jagħtu l-akbar importanza liż-żewġ kelmiet ċentrali: *cipressi* u *urne, ċipress* u *slaleb*. Għandna rifless sintetiku tad-dagħbien sostanzjali li jifred minn xulxin liż-żewġ opri li, għad li huma qrib ħafna stilistikament, huma spiritwalment dif-



**L-oqbra: il-mottiv li jnebbah kriżi dwar l-eżistenza tal-bniedem**

ferenti għal kollox. Il-Malti jikkristjanizza l-kontenut pagan ta' l-imgħallma tiegħu: l-ispettaklu hu wieħed, ikkaratterizzat mill-preżenza suġġestiva taċ-ċipress, iżda waqt li l-urni Foscoljani huma d-dwejra konkreta ta' l-immortalità ideali ġdida, is-slaleb ta' Dun Karm jevokaw emblematikament realtà oħra.[23] Wieħed qiegħed igħix l-immortalità (immanenti) u l-ieħor jistennieha (għax traxxendenti). F'termini grammatikali nistgħu ngħidu li t-temp Foscoljan hu l-preżent, waqt li t-temp tal-poeta Malti hu l-futur.

## NOTI

1. *Taħdita fuq il-poeżija Maltija*, "Leħen il-Malti" (Malta, 1960), pp. 10–11; *A talk on Maltese poetry held at St. Edward's College on the 3rd March 1947, in a rock shelter during an air-raid*, Bibljoteka ta' l-Università ta' Malta, *Melitensja*, ms. 215.

2. Fil-ms. Ingliż imsemmi Dun Karm ifakkar: "I devoted all my free time to the composition of an original poem to be a companion to *I sepolcri*, and in two years' time a poem of over 500 hendecasyllables, *Il-Jien u Lil Hinn Minnu*, was completed and published."

3. Hi traduzzjoni letterali tas-"sonno... duro" ta' Foscolo (vv. 2–3).

4. Dwar l-influssi Foscoljani diversi fuq l-opra ta' Dun Karm, ta' min ifakkar il-ftuħ ta' għadd ta' poeżiji. Bosta fetħiet ta' Foscolo jieħdu l-għamla ta' konklużjoni ta' xi meditazzjoni preċedenti u għandhom kliem bħal *così* ("Luce degli occhi miei"), *nè* ("A Zacinto") u *forse* ("Alla sera"). Dun Karm jirrikorri għal dawn il-fetħiet f'għadd ġmielu ta' poeżiji u għandu *no* ("A Leopoldo Dagradi"), *e* ("Nella morte dell'alpinista", "Ancora l'alpinista", "Al novello sacerdotale G. Spiteri"), *iżda* ("Lil Malta", "Il-Għanja tar-Rebħa"), *issa* ("Lill-Muża"), *hekk* ("Il-Bandiera Maltija") u *le* ("Il-X ta' Frar – 1920", "Lil Marija", "Lil Dun Ġwann Muscat", "Il-X ta' Frar – 1927", "Lil Dun Anton Galea").

5. *Daħla*, "Il-Jien u Lil Hinn Minnu", (Malta, 1983).

6. *Della speranza – saggio sopra alcuni errori di U Foscolo, Apologetica*, (Milano, 1840), p. 100.

7. Cfr. il-vv. 206–207.
*L-imħabba twaġġa'; bint il-weġgħa l-hena*
*u bint il-mewt il-ħajja.*

Is-sentenza qalila qalha Leopardi żmien qabel:
*Piacer figlio d'affanno;*
*gioia vana ch'è frutto*
*del passato timore*
*(...)*
*Uscir di pena*
*è diletto*
*"La quiete dopo la tempesta"*, vv. 32–44, 45–46.

F' "Per novello sacerdote – VI" Dun Karm jirriproduċi wkoll l-idea Foscoljana tal-"forza operosa" u, waqt li jħaddem ukoll l-istess figurazzjoni taż-Żmien, jilqa' l-lingwaġġ fatalistiku tal-qerda tal-materja, imqar jekk ma jasalx għall-konklużjonijiet loġiċi ta' din il-premessa:
*E passeranno i giorni e l'operosa*
*forza del Tempo con assidua mano*
*strugge la vita ovunque se riposa*
(vv. 9–11).

8. V. 4. Diwi ta' din il-frażi jinsab fil-versi:
*degli alberi*
*la viride famiglia*
*(Per novello sacerdote – II*, vv. 45–46).

9. Cfr. il-vv. 299–304, 422.

10. Cfr. is-siltiet li ġejjin: vv. 17–45, 49–55, 104–112, 144–149, 150–154, 292–318, 333–338, 400–22.

11. Cfr., eż., il-vv. 83–85, 207–208.

12. Cfr. il-vv. 25, 26, 216–219.

13. Cfr. il-vv. 145–147. L-istess mottiv tax-xemx li taħkem mill-għoli fuq dinja ta' niket jinsab f'dis-silta:
*u tibqa' tidwi*
*fuq il-ħerba taż-żmien, sakemm fis-sema*
*tibqa' sultana x-xemx* (vv. 472–474).

14. Cfr. il-vv. 75–78, 100, 113–123.

15. Vv. 195–198.

16. Cfr. il-vv. 135–142. Għall-kuntrarju, il-figurazzjoni Foscoljana ta' Omeru li jersaq qrib ħafna ta' l-oqbra u jbushom bi mġiba ritwalistika u reliġjuża, u l-figurazzjoni tal-Mużi li jinsabu bil-qiegħda jgħassu l-oqbra jiġbru fihom infushom il-kobor u l-immortalità mixtieqa mill-bnedmin bħala ħlejjaq mortali. Fil-qagħda tar ruħ Dunkarmjana din is suġġestjoni Foscoljana hi mbiddla f'kontemplazzjoni eleġijaka.

17. Fil-poema l-omm għandha l-istess funzjoni li Zanella jagħti lil ommu fil-liriċi *La religione materna* u *A mia madre*, fejn il-mara twajba għandha l-identità ta' gwida li ma tiżbaljax u li tisħaq kemm-il darba fuq is-siwi fundamentali tal-fidi fil-waqtiet diffiċli meta l-esperjenza għandha mnejn tikkontradiċi s-sisien reliġjużi. (Fil-każ ta' l-ewwel poeżija msemmija ta' min jinnota li, hu u jieħu l-ispunt minn tema awtobijografika, Dun Karm ta' *Il-Ċerrejja u Jien* iħaddan hu wkoll figurattivament il-perijodu ta' ħajtu kollha fil-limiti ta' jum wieħed, u jagħti tifsira simili lill-għodwa, lill-jum magħmul, lil wara nofs in-nhar u lill-ħin meta x-xemx tinħeba u x-xefaq jiswied).

18. Cfr. il-vv. 382–399.

19. Vv. 287–308. Dun Karm b'dan il-mod jinserixxi ruħu fil-ġemgħa tal-poeti Taljani li, wara li telqu t-tema ta' l-idillju biex ifittxu umanità għanja fil-kosmos, taw bidu għal kollokju reliġjuż kontinwu man-natura. Hi esperjenza mistiko-senswali mibdija minn Leopardi, Tommaseo, Aleardi, Fogazzaro (l-aktar dak tal-"Miranda" fejn "le mille voci" jwassluh għal dan: "sentire Iddio del mare") u ssuktata minn Salvadori, D'Annunzio u Pascoli. L-infinit kollu jieħu l-ħajja, jikseb kuxjenza u joffri l-okkażjoni għal djalogu profond ma' l-elementi li jitbiddlu f'ilħna umani u jissodisfaw il-ħerqa fittiexa tar-ruħ. Hi l-aktar l-imġiba Zannelljana li tikkaratterizza l-entużjażmu tal-poeta Malti għan-natura (preżenti wkoll f'għadd ta' xogħlijiet ta' valur iċken, bħal *Erbat ijiem bejn l-Imġarr u l-Ġnejna*, *Stedina*, *Ward*, *Is-Satra*, *Il-Għanja Moħbija*) li ma jispiċċax biex jinħela f'dagħdigħat sentimentali iżda jagħraf fl-"ilħna moħbija", (il-"voci secrete", biex nisiltu l-isem ta' poeżija tal-Viċentin) ix-xiehda awtentiċi tal-kelma tal-ħallieq. In-natura twassal lill-bniedem biex jara d-"Deus in rebus", il-"mens insita omnibus" ta' Bruno.

Hu u jagħti l-ħajja lill-"bella d'erbe famiglia", Dun Karm saħansitra jbiddel f'persuni umani whud mill-fjuri u jġegħelhom jirrakkuntaw il-ħajja intima tagħhom, dejjem orjentata skond punt etiku definit (cfr. *Warda li Tgħid Ġrajjietha* u *Il-Liedna*), bħalma jagħmel, fost l-oħrajn, Zanella fis-*Sonetto LVII* ta' l-*Astichello* fejn fjur jagħti ġabra tat-tiġrib "uman" tiegħu. Dun Karm jieħu sehem ukoll fit-tema romantika ta' l-annimali mgħollija għall-ordni ta' l-intelliġenza umana, u bħal Fogazzaro (*La rondine degli scogli*), Salvadori (*Lo spirito presente*), Zanella (*Sonetto LXVIII* ta' l-*Astichello*) u D'Annunzio (*Innocente*), biex ma nsemmux l-albatru ta' Baudelaire jew il-ħmar ta' Jammes u oħrajn, idaħħal lill-għasfur tiegħu f'kollokju personali, mimli mħabba iżda aktarx qares u jikxef kriżi moħbija (*Lill-Kanarin* u *Lill-Kanarin tiegħi*). Barra minn dan, t-taħdita ta' Leopardi lill-merħla, bħal dik ta' Leopardi lill-art, iddaħħal fin-nofs il-mottiv ta' l-għira bejn it-tnejn; hi l-istess kwalità morali li l-awtur Malti jevoka fil-kollokju mas-sieħeb tas-solitudni tiegħu:
Quanta *invidia* ti porto
(*Canto notturno di un pastore errante dell'Asia*, v. 107),
Quanta *invidia* ti porto, o avara terra
(*Sonetto CCC*, v. 1)
Iżda ma *ngħirx* għalik, għasfur lelluxi
(*Lill-Kanarin Tiegħi*, v. 42).

20. *Op. cit.*, pp. 84–84. Bħalma josserva Rosmini nnifsu (*ibid*, nota 1, p. 85), huma kotrana l-awturi li xerrdu l-prinċipju li n-natura hi rivelatriċi ta' Alla, jew aħjar li mill-ħwejjeġ maħluqa l-bniedem jista' jgħaddi biex jogħla lejn il-Ħallieq, bħal, ngħidu aħna, Derham tat-*Teologia astronomica* u tat-*Teologia fisica*, Lesser tat-*Teologia degli insetti* u tat-*Teologija delle conchiglie*, Fabrizio tat-*Teologia dell'acqua*.

ikompli wara

21. Importanti li wieħed isemmi, madankollu, li għall-ewwel Dun Karm jara fil-ġmiel tan-natura mottiv ieħor ta' niket quddiem il-problema tal-ħażen. Anzi jiżvolġi l-kuntrast qalil bejn il-festożità ta' l-ispettaklu tal-ħolqien u l-kundanna tal-bniedem għall-qerda, u waqt li jinqeda bil-metodu ta' xi Leopardi u ta' xi Graff, jinseġ sensiela ta' interrogazzjonijiet fatalistiċi lill-kożmos misterjuż li f'għajnejh jidher 'il fuq, jew ħieles, mill-kriżi (cfr. il-vv. 65–70) u jlissen l-istess sentenza ta' Foscolo ta' l-*Ultime lettere di Jacopo Ortis:* "Che? Lo spettacolo della bellezza basta forse ad addormentare in noi, tristi mortali, tutti i dolori?"

22. *Op. cit.*, pp. 35 u 99 rispettivament.

23. L-istess xbiha nisranija taħkem reliġjożament fuq il-pajsaġġ ta' żewġ poeżiji oħra ta' Dun Karm, *Per il monumento di Cristo Redentore* u *Nel cimitero dell'Addolorata.* Fl-ewwel waħda s-salib jixref rebbieħ fuq għalqa siekta miżgħuda bl-oqbra; fit-tieni l-istess xbiha tirrikonċilja żewġ sentimenti kontra xulxin, in-niket tal-mewt preżenti u t-tama ta' ħajja ġejjiena:

*E mentre interno al composanto vive*
*fremito e pianto, de la croce all'ombra*
*dormono i morti senza duol, senz'ira*
(vv. 12–14).

**Bibljografija**


Xi xogħlijiet oħra ta' Oliver Friggieri dwar Dun Karm:

*Il-Kultura Taljana f'Dun Karm*, Malta, 1976

*La cultura italiana a Malta – Storia e influenza letteraria e stilistica attraverso l'opera di Dun Karm*, Firenze, 1978

*Mekkaniżmi Metaforiċi f'Dun Karm*, Malta, 1978

*Dun Karm – Il-Poeżiji Miġbura*, ed. kritika, Malta, 1980

"Il poeta nazionale di Malta – osservazioni linguistiche", *Le Lingue del Mondo* (Firenze), XLII, 5, 1977, pp. 421–422

"Influssi manzoniani sul poeta nazionale di Malta, Dun Karm", *Silarus* (Salerno), XVIII, 101–102, 1982, pp. 4–12

"Dun Karm, il poeta nazionale di Malta – la scoperta dell'ispirazione popolare" (Torino), *Il Delfino*, XIII, 69, 1983, pp. 6–9

"L'esperjenza foscoliana di Dun Karm, il poeta nazionale di Malta", *Il Delfino* (Torino), XIII, 71, 1983, pp. 9–20

"Malta Cristiana e il suo poeta", *Litterae Communionis* (Milan), 1, 10, 1984, pp. 42–49

"Dun Karm: xi Aspetti tal-Persunalità", *Ir-Ruħ fil-Kelma* Malta, 1973, pp. 23–35

"L-Ewwel Poeżija ta' Dun Karm", *Il-Polz* (Malta), 26, 1974, pp. 4–7

"Dun Karm, Poeta tal-Poplu, Qassis li interpreta Nazzjon", *Problemi ta' Llum* (Malta), XXI, 2, 1981, pp. 38–43






# ĠORĠ PISANI:

## SESSJONI MEJJU – ĠUNJU, 1985
## It-Tieni Karta Nru 1ċ

*F' "Il-Għid taż-Żgħożija" Pisani jidher sikwit bħala poeta storiku. Ikkummenta.*

1. Bħala poeta romantiku, Ġorġ Pisani jħares lejh innifsu bħala individwu solitarju li kapaċi jfiehem lin-nies ta' madwaru l-valuri morali u ċivili tal-ħajja u mhux jibqgħu bierda għalihom. L-Istorja hija l-għalliema ewlenija biex (flimkien mar-reliġjon) iwassalhom għall-Verità u jistruwihom fiha.
2. L-Istorja tfisser l-aspetti kollha tal-ħajja nazzjonali, għalhekk l-importanza ta' l-Istorja ta' l-imgħoddi u l-Istorja ta' llum. Magħhom jidħol il-folklor u drawwiet oħra.
3. Fil-poeżija Pisani jiċċelebra l-kobor ta' l-Istorja u tal-patrijotti tagħha u jimmortalizzahom. L-iskop huwa wieħed: iħares lejn l-imgħoddi u jinterpretah għall-attwalità u l-bżonnijiet ta' llum. Eż. *Lil Mikiel Anton Vassalli* (p. 39), *La Valette* (p. 59) fejn iż-żewġ karattri storiċi jsiru l-mudelli importanti tal-pajjiż; l-istess għall-eroj kollettivi Għawdxin li mietu fuq il-Kastell ta' Għawdex (p. 51).
4. Vassalli u La Valette jagħtihom inkarnazzjoni drammatika u jerġgħu jieħdu sehem fl-iżvilupp ta' l-Istorja ta' llum (*La Valette*, vv. 2–3, 9–11, *Lil Mikiel Anton Vassalli*, v.2).
5. Pisani jagħti qima lil dawn l-eroj Maltin u jagħti dehra ta' artal lill-qabar tagħhom. Fih hemm iħirsa siekta imma dejjem ħajjin u spiritwalment preżenti dejjem. Ħajjithom hija ċanfira u għajn ta' eżempju għall-Maltin kollha (*Lil Mikiel Anton Vassalli*, vv. 1–8). Fil-fatt Vassalli jitqiegħed bħala l-mudell fil-Kwistjoni tal-Lingwa ta' l-1934.
6. Mottivi oħra tipiċi ta' Pisani: is-singularità nazzjonali, l-identità territorjali, il-jien komunitarju, it-tagħlim għall-ideal politiku nazzjonali (*Suldati Maltin*, p. 8), il-Lingwa u l-Bandiera Maltija (*Lill-Ilsien Malti*, p. 55, *Lill-Ilsien Malti*, p. 95, u *Il-Bandiera Maltija*, p. 95).
7. L-importanza tal-lingwa minħabba l-Kwistjoni ta' l-1934, u minħabba raġunijiet tipikament romantiċi, bħal (1) il-lingwa hija l-wirt ta' missirijietna, (2) il-lingwa hija r-rigal ta' Alla, (3) il-Malti huwa lsien artistiku. Pisani, fuq kollox, iħossu wieħed mill-kittieba vvittimizzati (*Lill-Ilsien Malti*, vv. 5–8).
8. Fi-sens wiesa' ta' Storja jidħlu wkoll il-poeżiji fuq il-Preistorja, i.e. *Il-Ġgantija ta' Għawdex* (p. 58), *Ħaġar Qim* (p. 56), *Għar Dalam* (p. 54), u l-poeżiji fuq l-Istorja kontemporanea ta' bejn iż-żewġ gwerer, bħal *Lid-Demokrazija* (p. 80), *Oh Roma Serva!* (p. 78), *Fuq it-Telfa ta' l-Indipendenza ta' l-Awstrija* (p. 71), *Fil-Laqgħa ta' Hitler u Mussolini f'Ruma* (p. 37), *Maskra tal-Gass* (p. 77), *L-Ajruplan! – 1938* (p. 77), *Lin-Nażiżmu* (p. 78), *Racialism* (p. 79) u *Kżekoslovakja* (p. 79). Għal trattament sħiħ ta' dawn il-poeżiji b'referenza għall-mistoqsija, ara, *Il-Għid taż-Żgħożija*, Noti għall-Istudenti tal-Matrikola, maħruġa mill-P.E.G., p. 24–36.

ĠORĠ MIFSUD

# L-UŻU TAL-METAFORA

Fil-glossarju tal-kritika letterarja, il-kelma *metafora* għandek issib illi tingħata post ċentrali. Hija waħda mill-aktar termini komuni użati fil-kritika u fil-ġrajja tal-letteratura ta' kull pajjiż. L-oriġni ta' din il-kelma hija Griega (bejn wieħed u ieħor tfisser *trasferiment, tieħu minn post għal ieħor*).

Il-metafora hija figura rettorika tat-taħdit li biha żewġ kelmiet distinti minn xulxin huma ppreżentati bħala identiċi, bl-istess tifsira. Hemm diversi mekkaniżmi tal-metafora iżda hawnhekk ħalli nagħtu l-aktar żewġ forom bażiċi tagħha: (i) A = B, eż. *Is-snien* huma *perli*; (ii) B tieħu post A, eż. Il-bjuda *tal-perli* (minflok Il-bjuda *tas-snien*. Fit-tieni eżempju l-metafora hija waħda kumplessa jew pura iżda tant saret aċċettata fil-mekkaniżmu letterarju illi tingħaraf mingħajr tbatija. Huwa importanti li wieħed josserva illi l-metafora tagħmel paragun dirett mingħajr l-użu tal-kelma *bħal* jew *daqs*. Fi kliem ieħor, jekk wieħed igħid jew jikteb *Kellha snienha sbieħ bħal, daqs il-perli*, il-figura użata ma tkunx metafora, iżda similitudni jew tixbiha.

Fil-ktieb tiegħu *Practical Criticism: A Study of Literary Judgement* (1929), I.A. Richards kiteb illi "a metaphor is a shift, a carrying over of a word from its normal use to a new use". Richards fisser illi l-metafora hija sempliċement analoġija *bejn l-oġġett* komuni u *l-oġġett il-ġdid* li miegħu jsir ix-xebh. Richards, wieħed mill-aktar kritiċi importanti ta' dan is-seklu, kompla elabora dwar il-metafora fil-ktieb tiegħu *Philosophy of Rhetoric* (maħruġ fl-1936) u introduċa termini ġodda għall-partijiet tal-metafora. Skond it-teorija ta' Richards, il-komponenti tal-metafora għandhom jinqasmu fi tnejn: it-TENOR u l-VEHICLE. Ħalli nieħdu eżempju biex infissru ruħna aħjar. Ejjew nikkunsidraw dan il-vers li ġej: *L-imħabba l-kewkba ta' min jimxi fid-dlam.*




**Darwin u Freud: ħallew influwenzi diretti fuq il-poeżija moderna u fetħu l-iskop tal-mekkaniżmu metaforiċi.**

L-oġġett komuni (*l-imħabba*) huwa t-TENOR, is-suġġett tal-kombinazzjoni metaforika. Il-kelma metaforika li permezz tagħha jsir it-trasferiment tal-ħsieb fil-każ li kkwotajna hija *l-kewkba*. Din Richards iqisha bħala l-VEHICLE (għax fuqha "jinġarr" il-ħsieb il-ġdid).

F'ħafna xogħlijiet letterarji, u l-aktar fil-poeżija, għadd kbir ta' espressjonijiet metaforiċi jidhru bit-TENOR moħbi. Eż:

*Is-swat tax-xitwa kiefra ħonoq l-għajn dgħajfa ta' matul il-jum.*

F'dan il-każ it-TENOR jinsab fl-aħħar vers u jirreferi għax-*xemx*.

Fit-taħdit tagħna ta' kuljum nużaw ħafna metafori li normalment ma nagħtux kas tagħhom. Terġa' u tgħid, ir-ritwal tal-ħajja ta' kuljum ikompli jdaħħal metafori oħra (imqar reliġjużi) li ftit minna jagħtu kas tagħhom. Huwa ċert illi ftit huma dawk in-nies illi jagħtu kas tal-metaforizzazzjoni li jkunu qegħdin jużaw meta jgħidu frażijiet bħal *is-sieq tas-siġġu*, jew *dirgħajn il-pultruna* jew *il-bibien tal-Ġenna*. Dawn il-partijiet tat-taħdit, għalkemm jiddevjaw mil-lingwa litterali, nistgħu nirreferu għalihom bħala *metafori mejtin* — nużawhom mingħajr widen jew mingħajr ma jolqtuna. Fil-fatt, dawn il-partijiet tat-taħdit l-ewwel intużaw f'sens oriġinali metaforiku tagħhom, imbagħad, mas-snin, tilfu l-effett tal-metafora. Biex ninftehmu aħjar, il-poeta li qiegħed ifittex l-oriġinalità mhux ser jikkuntenta ruħu b'tifsir metaforiku li tissuġġerixxi xi frażi bħal *id-dahar tas-siġġu* jew *is-sieq tal-mejda*. Il-poeta huwa interessat biss filli juża l-metafora biex joħloq kombinazzjonijiet ġodda u eċċitanti ta' ideat, oġġetti u sensazzjonijiet.

L-użu tal-metafora huwa dejjem wieħed effettiv meta wieħed jirrifletti xi ftit dwaru. Richards jispjega fit-tul dwar is-saħħa emottiva li jista' jkollha l-metafora fil-ħajja ta' kuljum. Dejjem fil-ktieb tiegħu *Practical Criticism*, Richards igħid illi tista' ssejjaħ lil xi ħadd "ħanżir" għal żewġ raġunijiet ewlenin: jew (i) għax dak li jkun ikollu fattizzi li jfakkruk f'annimal partikolari (f'dan il-każ, il-ħanżir) jew inkella għax (ii) dak li jkun iġiegħlek tħoss tqanqiliet li normalment tħosshom meta tiftakar fil-ħanżir. Richards iqis illi ż-żewġ każi joffru żewġ *metaphorical shifts* differenti iżda jistgħu jkunu kombinati flimkien ukoll. Meta wieħed jibda riesaq lejn analiżi kritika taż-żewġ kombinazzjonijiet metaforiċi, il-metodu jrid jibda jagħżel waħda mill-oħra; irid jagħżel l-ewwel interpretazzjoni mit-tieni.

Jekk nikkunsidraw illi l-poeta għandu l-iskop ewlieni li joħloq metafori oriġinali u suġġestivi (jekk mhux ukoll provokatorji), inkunu nistgħu napprezzaw għala ħafna mill-poeżija l-ġdida tagħmel użu daqshekk kumpless mill-metafori. Filwaqt illi, f'ħafna mill-każi, il-metafora tradizzjonali kienet tagħmel użu "separat" mit-TENOR u mill-VEHICLE, il-poeta modern għandu tendenza li dawn it-tnejn "idewwibhom" flimkien u joħloq kimika kkumplikata. Ta' min iqis ukoll illi ħassieba radikali bħal Darwin, Marx u Freud ħallew influwenzi diretti fuq il-poeżija moderna u fetħu l-iskop għal mekkaniżmi metaforiċi li l-antiki qatt ma setgħu jantiċipawhom.

**J.C. BRIFFA**

## SFOND GĦAL "SAN ĠWANN"

# IR-RUMANZ ROMANTIKU-STORIKU MALTI

Minn Marlene Mifsud

Għall-iskop tagħna nistgħu ngħidu li r-rumanz Malti twieled fl-1878 bir-rumanzetti li ħareġ Ġużè Muscat Azzopardi. Mexa fuq il-ġeneru ta' Alessandro Manzoni, Walter Scott, Charles Dickens, Alexandre Dumas u Victor Hugo meta dawn kienu diġà għamlu żmienhom fil-letteratura ta' pajjiżhom. Waħda mill-fergħat tal-letteratura fejn wieħed jista' l-iktar iħaddem ħafna l-element folkloristiku hi dik tar-rumanz għax f'dan il-qasam l-awtur għandu fejn jimraħ bla ma jsib xi jxekklu. Nistgħu ngħidu li l-biċċa l-kbira tar-rumanzi Maltin li nkitbu sa l-ewwel erbgħin sena ta' dan is-seklu huma storiċi-romantiċi, ġeneru ta' kitba li għadu jidher sa dawn l-aħħar snin.[1]

Minħabba l-kondizzjonijiet reliġjużi, soċjali u kulturali ta' dak iż-żmien, ir-realiżmu dam ma qabad art fir-rumanz Malti. Biżżejjed li wieħed jiftakar li r-rumanzi Maltin inkitbu meta fl-Ewropa kien ilu li daħal ir-realiżmu bil-kitba ta' Balzac, Flaubert, Turgenev, Tolstoy, Eliot u Hardy. Kienet ukoll l-influwenza kbira ta' kittieba Taljani bħal Manzoni u Cantù fuq il-letterat Malti li żammitu għal żmien twil milli jasal ma' dan il-livell ta' realiżmu.

Billi l-kittieb Malti kellu żewġ għanijiet fil-kitba tiegħu, (1) it-tiswir tal-Malti fi lsien artistiku u (2) il-qawmien kulturali nazzjonali, sa l-ewwel nofs għoxrin, semmejna biss ir-rumanz storiku-romantiku li jkun letterarju u oriġinali. B'riħet hekk inħallu barra rumanzi popolari bħal dawk li kienu joħorġu fil-faxxikli u traduzzjonijiet bħalma huma ta' Ġanni Vassallo[2] (1862 – 1937) u Ninu Muscat-Fenech (1854 – 1910) li, għalkemm għandhom is-siwi tagħhom, joħorġu barra mill-għan ta' dan l-istudju.

Minn banda, l-awturi tar-rumanz popolari ma jridux li jippruvaw, bħal ngħidu aħna, Ġużè Muscat Azzopardi, Ġużè Galea u Ġużè Aquilina li l-Malti jista' jilħaq livelli artistiċi. Mill-banda l-oħra, traduzzjoni ma tista' qatt tasal li tkun fi stil letterarju Malti daqslikieku kienet tkun il-lingwa ta' rumanz li nkiteb mill-ewwel bil-Malti. F'dik li hi traduzzjoni daħħalna biss dawk ir-rumanzi li għalihom it-test fil-lingwa oriġinali hu biss mod ta' ispirazzjoni, bħar-rumanzetti ta' Ġużè Muscat Azzopardi.

Ir-rumanz storiku u/jew romantiku Malti jinfirex fuq l-istorja magħrufa mill-aħħar snin ta' l-Għarab sa l-ewwel snin ta' l-Ingliżi, b'nisġa ta' romantiċiżmu ħafif fis-seklu dsatax, iżda li jitqal fl-ewwel nofs ta' dan is-seklu. L-istorja tal-gżejjer Maltin kienet għażiża wisq għar-rumanziera tagħna, kif jidher mill-kelmtejn qabel f'kull rumanz u mill-materjal storiku li jitħaddem fin-nisġa, kif ukoll mit-tagħlim ta' l-istorja[3] u min-noti storiċi li wieħed isib f'ħafna mill-paġni. Għalhekk, il-kittieb storiku jistħarreġ il-ħajja u d-drawwiet tal-poplu.[4]

Kif igħidilna Lionel Butler[5] ir-rumanz storiku ma jfittixx li jkun biss lista ta' ġrajja fil-ħajja ta' nies li għexu tassew, iżda xogħol fittizju li jagħti wisa' lill-istoriku biex jistħarreġ il-psikoloġija, l-emozzjoni u l-problemi ta' dawk li għexu fl-imgħoddi – ħaġa li ma tinsabx f'dokumenti storiċi. Fis-sittinijiet Ġużè Galea biddel ħafna veritajiet storiċi biex igħin lill-element immaġinattiv, kif wieħed jista' jara minn *Id-Dinja Rota* (1964), u b'hekk jaqdi aħjar lir-romantiċiżmu. Meta wieħed jaqra r-rumanzi mistħarrġa jagħraf li fejn il-kittieb jagħfas aktar fuq l-istorja l-element immaġinattiv ibati,[6] għax ma' l-istorja tal-poplu, il-qarrej jeħtieġ ukoll l-istorja soċjali u l-folklor li hu l-mera ta' ruħ il-bniedem.



Ġużè Muscat Azzopardi: welled ir-rumanz Malti fl-1878

F'rumanzi ta' kalibru ogħla,[8] l-istorja titwaħħad man-nisġa tar-rumanz b'armonija sħiħa bejn il-karattri u l-fatti, meta l-kittieb jagħraf jifli tajjeb bin-nisġa tar-rumanz il-ħajja tal-bnedmin, moħbija fl-istorja dokumentata. Elementi fantastiċi u soprannaturali li wieħed jiltaqa' magħhom matul il-ġrajja jżidu jgħollu r-rumanz għal-livell litterarju.[9]

F'soċjetà fejn kollox kien jidher li miexi ħarir, il-bniedem ried xi ħaġa ta' l-għaġeb biex tqanqlu mill-bruda mentali tiegħu, xi ħaġa li twessagħlu 'l moħħu u l-immaġinazzjoni rieqda tiegħu. Għalhekk dawn ir-rumanzi storiċi-romantiċi kienu għalih ta' fejda kbira, billi l-varjetà tal-ħajja fil-fantasija, fl-avventura, fl-improbabbli u fil-patetiku jqanqlu qalb il-bniedem. Minn dan kollu, nistgħu ngħidu li r-romantiċiżmu f'Malta rnexxa, għalkemm dam ma waslilna, u ladarba wasal, il-kittieb Malti ma kellux qalb jinfatam minnu. Il-kritiku oġġettiv li jqiegħed dan il-ġeneru fil-kuntest ta' żmienu jagħraf sewwa s-siwi tiegħu.

Meta l-kittieb joħloq żmenijiet qodma[10] li jikkonvinċu lill-qarrej, jeħtieġ li jkun jaf kif kien igħix il-poplu f'dak iż-żmien – għalhekk il-folklor hu parti intrinsika tar-rumanz storiku u/jew romantiku – jiġifieri l-ħajja privata u pubblika, x'kienu jieklu, x'kienu jilbsu, kif kienu jivvjaġġaw, x'kienu jaħdmu, fejn kienu joqogħdu, xi idjomi li kienu jinqdew bihom fil-ħajja ta' kuljum u ħafna elementi oħra li jsawru l-ħajja ta' kull poplu.

L-elementi li jsawru r-rumanz storiku u/jew romantiku Malti huma:

(1) Il-karattru ewlieni jkun ta' nisel nobbli jew eroj, jew xi ħaddiem magħruf fis-soċjetà li għex fiha; l-eroiżmu jidher ukoll fin-nisa Maltin li jaqgħu lsiera u ma

jaqilbux dinhom, lanqas f'wiċċ il-mewt. Il-protagonista jista' jkun figura storika jew bniedem fittizju. Fl-ewwel każ, il-kittieb ikollu jimxi fuq l-Istorja u r-rumanz tiegħu jirnexxi skond kemm hu jagħmel lill-protagonista aktar interessanti milli turih l-Istorja nnifisha. Fit-tieni każ, il-karattru ewlieni jista' jidher aħjar minn ta' l-ewwel fit-taħbil il-moħħ tiegħu u jħalli wisa' biżżejjed fejn jimraħ il-kittieb. Iżda l-kittieb dejjem jibqa' maħkum mill-epoka li fiha għex il-karattru li ħolqot il-fantasija tiegħu.

(2) Il-karattri huma ħżiena għal kollox jew tajbin għal kollox. B'improbabbiltajiet u koinċidenzi bi rfus, fl-aħħar jirbaħ it-tajjeb, li x'aktarx ikun il-Malti, u mhux il-barrani li jkun ħaqru, u hawn l-element ta' tpattija jidher qawwi. L-imħabba illeċita hi kkundannata għax it-tjieba hi l-aqwa ħtieġa.

(3) Tidher l-imħabba għan-natura, jew l-interess qawwi tal-kittieb fl-ambjent ekoloġiku, għax in-natura tidħol fin-nisġa tar-rumanz. It-tempesti huma l-ambjent negattiv tal-ħajja u jissimbolizzaw xi kriżi li jkun għaddej minnha l-bniedem.[11]

(4) Bħalma l-Moviment Romantiku fl-Ewropa għen lir-rivoluzzjoni Franċiża fis-seklu tmintax, hekk ir-rumanzetti tal-bidu bħal ta' Ġużè Muscat Azzopardi nisslu f'qalb il-kittieb Malti mħabba għal art twelidu u għall-ilsien tagħha, kif jidher mir-rumanzi li ħarġu fl-aħħar snin tas-seklu l-ieħor. Għalkemm il-karattru ewlieni ġie li jkun ta' klassi għolja, il-kittieb iktar għandu għal qalbu wieħed ta' klassi fqira, dan, fi żmien meta l-qabża bejn għani u fqir kienet kbira. Il-karattri sekondarji jirbħu s-simpatija tal-qarrej, u f'waqtiet drammatiċi jaslu biex joħolqu traġedja umana sħiħa li tgħollilhom id-dinjità tagħhom bħala ħolqien t'Alla.

(5) Il-patrijottiżmu jintiseġ b'sengħa kbira u jidher fejn is-sens ta' nazzjonaliżmu jinfirex sa Għawdex, bħal ta' Luwiġi Vella. F'Malta dan jidjieq għal sens parrokkjali, fejn ir-raħal jidher igglorifikat kemm jista' jkun.

(6) Mal-patrijottiżmu tixgħel l-imħabba għall-Istorja. Ġużè Aquilina wera li s-soċjetà (tal-ġrajja li għażel bħala sfond għan-nisġa) kienet il-prodott ta' qawwiet u influwenzi bla għadd li kellhom egħruq fondi minn mitejn sena qabel. Kittieba oħra, bil-maqlub ta' Aquilina, għoġobhom iniżżlu l-istorja kif inhi.[12] Iżda Aquilina ħareġ l-effett tagħha fuq il-karattri b'mod li l-Istorja jkollha funzjoni attiva. Elementi tipiċi ta' l-Istorja li jidhru fir-rumanzi mistħarrġa huma: (a) il-pesta, (b) il-ġbir ta' flus għall-fidwa tal-gżejjer Maltin, (ċ) il-ġibda tal-Kavalieri ta' l-Ordni lejn ix-xebbiet u n-nisa Maltin, (d) piraterija u jasar, li fihom jidħol l-element ta' l-avventura u dak folkloristiku. Hawn x'aktarx li jirbħu l-Maltin bil-għaqal ta' moħħhom u l-ħila ta' ġisimhom. Meta jitilfu u jaqgħu lsiera, żmien wara jirbħu bl-għajnuna t'Alla u tal-kumbinazzjoni li joħloq il-kittieb, (e) nuqqas ta' qbil bejn it-twemmin Nisrani u dak Islamiku jew Lhudi, kif ukoll Luteran.[13] Hawn tkun l-imħabba għad-din Nisrani li ġġagħal lill-Malti jitqabad,[14] aktar milli l-ħtieġa li jħares lilu nnifsu u lil ħwejġu, (f) l-assedju tal-1565 u l-imblokk tal-Franċiżi, bi glied tal-Maltin magħhom u piki ta' bejn il-mexxejja Maltin tal-kampanja.

(7) L-interess tar-romantiċiżmu fil-fantastiku avventuruż u soprannaturali, u l-effett li dawn jista' jkollhom fuq il-karattri tar-rumanz, huma tiżwiqa strutturali fil-binja ta' dan il-ġeneru. Hawn, is-soġġettività ta' xi kittieba turina kemm it-twemmin fis-superstizzjoni kien biss sfruttar ta' poplu diġà moħħu magħluq.[15]

(8) L-istil romantiku hu melodrammatiku, b'mottivi jixxiebhu, prodott tar-rumanz Gotiku li influwenza r-romantiċiżmu Malti bis-saħħa tar-rumanzi Taljani u Franċiżi, kif ukoll dawk li xi Maltin kitbu bit-Taljan.[16] Bejn l-1880 u l-1920 naraw żmien ta' tranżizzjoni fl-istil letterarju tar-rumanz Malti. Hemm qabża ġmielha bejn l-istil bikri ta' Faurè (1893) u dak mexxej ta' Ġużè Muscat Azzopardi (1909). Il-kittieb storiku u/jew romantiku jħoss id-dmir li jgħid kull ma jaf lill-qarrej bla telf ta' żmien, b'mistoqsijiet rettoriċi u b'ħafna deklamar.[17] Is-soġġettività tal-kittieb tidher il-ħin kollu u fl-egħluq tar-rumanz toħroġ it-tagħlima. L-egħluq f'dan il-ġeneru ta' kitba hu mġebbed ħafna, billi l-kittieb ħsiebu biss f'li jiġbor dawk il-ħafna trufijiet maħlulin u jgħaqqadhom mill-aħjar li jista' għas-sodisfazzjon tal-qarrej, saħansitra wkoll meta jkollu jaqbeż snin twal biex jilħaq dan il-għan. Bixra oħra ta' tmiem ta' rumanz romantiku tinstab meta n-nisġa tagħlaq biż-żwieġ ta' żewġ koppji flimkien, tmiem tipiku tan-narrattiva popolari, li tagħmel sehem mill-folklor.

## NOTI

1. Ara, C.J. Camilleri, *Ħasan il-Malti* (1973), Ġużè Galea, *Id-Dinja Rota* (1964), Ġużè Cardona, *Manwel Ċellel* (1960).

2. Ġanni Vassallo qaleb mill-Franċiż ta' Kermanguiy *Mannarinu* (1888) u *Flora* (1888). Ninu Muscat-Fenech qaleb minn M.A. Bottari *Giammaria Cassia* (1880), rumanz bi sfond Malti. Iżjed reċenti nsibu lil Ġużè Chetcuti b'*Fil-Palazz ta' l-Angwillara* ta' Giovanni Curmi. Minn fost il-kittieba tar-rumanzi popolari, insemmu lil Arturo Caruana u lil Giuseppe Cumbo li għexu bejn is-seklu dsatax u għoxrin. Ġużè Muscat Azzopardi kiteb żewġ rumanzetti, *Mattew Callus* u *Pawlu Xara*, li oriġinarjament kienu jagħmlu rumanz wieħed bl-isem ta' *Un Martire* (1878) ta' Ramiro Barbaro di San Giorgio (1840–1920). L-istess ngħidu għal *L-Għarusa tal-Mota* li nqaleb minn *Angelica o La Sposa della Musta* (1880) ta' Nikol Zammit (1815–1899), u *Ix-Xbejba tar-Rdum*, traduzzjoni mir-rumanz ta' Zaccaria Roncali. *Marì ta' Torri Falka* ta' Dun Ġużepp Farrugia kien deher taħt l-isem ta' *Marija Valdes*, bit-Taljan.

3. Ara Ġuże Aquilina, *Studji Kritiċi Letterarji,* it-2ni edizz., (1972), 25–6.

4. *A Baroness of Malta*, a XVI century romance, translated by J.A. de' Conti Sant Manduca, (Malta, 1953) b'*Foreward* ta' Lionel Butler minn All Souls College, Oxford, fejn igħid: *Salvatore Frendo de Mannarino used his peculiarly deep and sympathetic knowledge of Maltese customs, Maltese landscape, Maltese lore ... to give us a convincing portrait of a remote but profoundly important era in the history of the islands.*

5. *Ibid.*

6. Ara r-rumanzi ta' Mons. Luwiġi Vella bħal *Bernardo Dupuò* (1898) u *Nikol Għabdul* (1907), ta' Dun Ġużepp Farrugia, bħal *Għarajjes bla Ħsieb* (1910), ta' Giovanni Faurè bħal *Il-Kursari Torok* (1893), u ta' Dun Ġużepp Farrugia Giojoso, bħal *Maria Platamun* (1908) u *Min kien Aħmed* (1910).

7. Rumanzi li jħaddnu l-iktar elementi folkloristiċi qawwija huma: Ġużè Aquilina, *Taħt Tliet Saltniet* (1938), Wistin Levanzin, *Is-Saħħar Falzun* (1938), Ġorġ Scicluna, *Il-Qassis li Rebaħ* (1970), A.E. Caruana *Ineż Farruġ* (1889), Ġużè Cardona, *Manwel Ċellel* (1960) u Ġużè Muscat Azzopardi, *Toni Bajjada* (1878) u *L-Għarusa tal-Mosta* (1879).

8. Ara, *Taħt Tliet Saltniet, Ineż Farruġ*; ara wkoll, *Nazju Ellul* (1909) ta' Ġużè Muscat Azzopardi u *Il-Barunissa Maltija* (1891) ta' Salvatore Frendo de Mannarino.

9. Ara, Forster, E.M., *Aspects of the Novel*, (1927), Kap. VII; *The Later Years of Thomas Hardy*, (1892–1928), (1930), Kap. II; Voltaire, *Oeuvres Completes*, (1883–5), Vol. VIII, i, 313; Reeves, Clara, *The Progress of Romance*, (1795), I, 19.

10. Sir Walter Scott, "Introduction (1831) to *The Fortunes of Nigel* (1822).

**•jissokta f'paġna 213**

**Influwenzi fuq ir-rumanz Malti: Scott, Dickens, Dumas**



# IL-ĦIDMA LETTERARJA F'MALTA FI ŻMIEN IL-FAXXIŻMU (2)



Minn MARIO AZZOPARDI

ANALIŻI BIR-REQQA tal-ħarġiet ta' *La Brigata* bejn l-1932 u l-1937 aktarx turi fehmiet idealistiċi li mbagħad ħemdu ma' l-iżvolta mgħaġġla tal-ġrajjiet li wasslu lil Mussolini jidħol fil-gwerra bħala alleat tan-Nażisti: "dan kien kollu f'idejn id-destin u l-ideali artistiċi u poetiċi kellhom jaqgħu taħt il granfi tad-Dittaturi".[55]

Il-pubblikazzjoni ta' O.F. Tencajoli *Poeti Maltesi d'Oggi* fl-1932[56] serviet biex firxet panorama vasta tal-poeżija Taljana f'Malta, meqjusa qadima għallinqas daqs dik fi Sqallija. Fil-prefazju, l-antoloġija fakkret illi V. Laurenza, professur tal-letteratura Latina fl-Università ta' Malta, rabat l-ewwel attività letterarja Taljana f'Malta tal-moviment kulturali u xjentifiku li kien ħoloq Federiku II f'Palermo fl-ewwel nofs tas-seklu 13. Laurenza qies li kienet ħaġa illoġika li xi ħadd jaħseb li, fiż-żmien tal-glorji ta' Franġisk d'Assisi u tad-duttrini ta' Tumas d'Aquino u Bonaventura ta' Bognorea, Malta baqgħet maqtugħa mil-lirika tad-*dolce stil nuovo.*[57]

Tencajoli fakkar ukoll illi r-rabta bejn Malta u l-Italja hija dokumentata bi skrittura uffiċċjali bejn il-gvern tal-gżira u l-awtorità superjuri tal-peniżola bejn l-1419 u l-1430[58] filwaqt li fi żmien l-Ordni ta' San Ġwann, mill-1530 sal-1798, Malta saret *l'antemurale dell'Europa Cristiana e specialmente dell'Mezzaluna.*

Wara li nnota l-importanza partikulari tat-twaqqif tal-Kulleġġ tal-Ġiżwiti fil-gżira fl-aħħar snin tas-seklu 16, Tencajoli wera kif fis-*settecento* Malta pproduċiet eruditi u storiċi bħal Ignazio u Bartolomeo Mifsud, Carl'Antonio Barbaro, Giov. Pietro Agius de Soldanis, minbarra poeti bħal Ġ.A. Ciantar u Luigi Rigord. Fis-seklu tmintax il-kultura Taljana f'Malta kompliet tissaħħaħ bil-proża ta' storiċi, polemisti, rumanziera u intellettwali oħra fosthom Onorato Bres, Fortunato Panzavecchia, Giuseppe M. Depiro, Ferdinando Giglio, Giov. Antonio Vassallo, Nicola Zammit, Achille Ferris, Paolo de Bono, Alfredo Mifsud, Gaetano Gauci, Giovanni Galea u l-markiż Giuseppe Testaferrata Viani (1767–1837) – logutenent tad-distrett ta' Ħal Qormi bejn l-1815 u l-1834, kunsillier ta' l-Università, membru tal-kumitat għad-direzzjoni tal-Bibljoteka u kittieb ta' poeżija sagra u didaskalika.

Il-*Poeti Maltese d'Oggi* kellu jkun il-kontinwazzjoni ta' din it-tradizzjoni twila Taljana, filwaqt li ħaffef it-triq biex tkun rikonoxxuta l-ħidma tal-poeti l-ġodda li bdew jidhru flimkien bil-ħsieb li jsaħħu t-twemmin fl-era ġdida ta' l-Italja:

> ... *siamo certi che nulla andrà disperso al vento di quanto la natura e la storia, coi loro sigilli eterni, hanno stammato sull'isola dei Cavalieri. Questo ci garantisce, continuazione della tradizione gloriosa, la bella schiera di poeti Maltese viventi ... questo ci dice la nostra fede in una giustizia immanente, le cui ragioni divine sono, o prima o poi, destinate al trionfo.*[59]

L-attività letterarja tal-ewwel Brigatisti kompliet tissaħħaħ bil-pubblikazzjoni ta' l-antoloġija kollettiva *Nuovi Scrittori e Poeti di Malta*,[60] miġbura minn G. Cremona, A.A. Gauci, C. Liberto u E.G. Montanaro, b'daħla ta' Enrico Mizzi li xebbah lill-kittieba ma' "ċenaklu żgħir ta' żgħażagħ" li diġà wrew li kellhom "il-maturità riflessiva u koxjenti ta' min jifhem il-glieda, it-taħbil u t-tagħwiġ misterjuż ta' l-ispirtu uman".

L-antoloġija laqgħet ix-xogħlijiet ta' wħud mill-aħjar kittieba bit-Taljan li ntlaqtu minn influssi kontemporanei: Salvatore Marinelli (1910–1932), leħen solitarju u eżistenzjalista b'tendenza paradossali mnebbha minn qari filosofiku vast minn Fichte, Nietzsche, Schwon, Feuerbach, Schopenhauer u xi orjentalisti; Michelangelo Mallia (1911–1933) li kkompona lirika li għandha tinteressana l-aktar minħabba l-preokkupazzjoni kontinwa bil-*persona* poetika; Carlo Liberto (1914– ), leħen etereu li warrab għal kollox it-termini tal-prezjożità stilistika biex ħoloq lament bejn l-assurd u d-disprament; Guido Lucia (1912–1934), kittieb ta' proża eżotika li fittex ukoll b'ħerqa l-manipulazzjoni tipografika bħala konsonanza mar-ruħ imqallba; Alberto Gauci (1910– ) li kien iddistingwa ruħu bi skizzi satiriċi politiċi fil-*Malta Letteraria* u li mbagħad studja l-filosofija f'Ruma taħt il-ħarsien ta' Gentile nnifsu bejn l-1935–36. Min-naħa l-oħra, Pellegrini reaq bil-ħeffa lejn esperimenti bikrin tipografiċi ta' valur inkonsistenti, attività li mbagħad jidher li abbanduna għal kollox biex iħaddan stili bħas-"sunett il-ġdid"[61] b'tonalità realistika li kellha twasslu biex jippubblika l-Manifest tan-Neo-Rondisti f'Malta[62] wara li eżawrixxa l-infatwazzjoni bl-*Era Fascista.*[63]

Il-leħen l-aktar matur fi ħdan il-moviment tal-Brigatisti kien dak ta' Giovanni Cremona (1918– ), poeta b'densità metaforika li kien iqis li l-Futuriżmu kien moviment progressiv li fetaħ toroq ġodda li kien hemm ħtieġa għalihom iżda li fehem ukoll li l-"metodi metalliċi" konsonanti ma' l-industrijalizzazzjoni setgħu dehru bħala mod estrem ta' reazzjoni kontra l-passatiżmu. Cremona jqis illi l-kittieba Maltin li kienu qegħdin jiktbu bit-Taljan fis-snin Tletin, dehru jikkorrispondu aħjar ma' movimenti Ewropej kontemporanei: "Aktarx li, bl-eċċezzjoni ta' Karmenu Vassallo, il-moviment tal-Malti ma kienx qed jilqa' biżżejjed tendenzi ġodda. Dun Karm innifsu kien jidher bħala esponent ta' poeżija li ma kenitx tirrispondi għall-*aneliti* tal-ġenerazzjoni l-ġdida; min-naħa tagħna konna nqisuh bħala sopravissut li kien intrabat ma' sekli sħaħ ta' tradizzjoni sorpassata".[64]

Il-ħtieġa tat-tiġdid li fehem Cremona (li wara kellu jilħaq Prim Imħallef ta' Malta u Mħallef tal-Qorti Ewropea għall-Jeddijiet tal-Bniedem) tinftiehem aħjar fid-dawl ta' l-influssi li laqa' minn Ungaretti, Quasimodo, Saba u Montale, ir-ruħ li ħassu joqrob l-aktar lejha. Bejn l-1937 u 1939, waqt li kien f'Ruma jistudja għal dottorat fil-letteratura, Cremona daħal fil-qalba tal-moviment poetiku u nħatar delegat għall-Italja tar-rivista prestiġjuża Belġjana *La Revue Nationale* li qisitu *l'un des chefs du jeune mouvement intellectuel italien.* B'diwi minn xi Dino Campana u, vagament, mill-krepuskoli, Cremona ħoloq poeżija Mediterranea mfissra b'liriċiżmu intens u gradi evokattivi ta' xbihat impressjonisti. Fil-*biblioteche del vino* u t-*trattorie* Rumani, Cremona ssieħeb ma' wħud bħal Marinetti, Betti u Ungaretti, il-*commensale* "tetru u inċisiv" li kien jiffrekwenta t-*Trattoria Antico Bottaro.*[65] Cremona qies ukoll illi l-klima ta' politiċizzazzjoni ferventi li ħalla warajh f'Malta kienet newtralizzata mill-ħemda pubblika kbira tal-letterati li ltaqa' magħhom fl-Italja nnifisha, sintomu li l-poeta Malti spjegah bħala wieħed ripressiv. Dan donnu jaqbel mad-deskrizzjoni li ta N. Bobbio fix-xogħol tiegħu *La Cultura e il Fascismo:*

> *Gli intellettuali erano rimasti rintanati negli angolini, donde schizzavano veleno contro il regime.*[66]

Fir-rivisti Maltin li dehru mal-qlib tas-seklu,[67] l-attività letterarja Taljana kienet infiltrat b'qawwa u l-Brigatisti komplew jagħtu ġieh lil uħud bħal Capuana u Ada Negri, "is-saħħara tal-melankonija li taħseb b'għajnejha": awturi li x-xogħlijiet tagħhom kienu xxandru wkoll fil-*Malta Letteraria*, maħluqa minn A. Mercieca fl-1904 biex tikkumbatti "l-iżolament fatali" tal-ħajja tal-Maltin.[68]

Fil-poeżija bil-Malti, Dun Karm kien qed jitħabat biex irawwem dixxiplina stilistika li toqrob lejn id-dekor artistiku mnissel mill-vernakular; kien qed jiġma' konvinzjonijiet li laqgħu l-leħen ta' kuxjenza klassiko-romantika mnebbħa l-aktar minn uħud bħal Manzoni, Monti u Zanella, isem li ntrabat intimament ma' Psaila. Fl-istess waqt, il-kittieba ġodda Maltin li kienu ppreferew li jikkomponu bit-Taljan qiesu li Zanella kelli ingredjent ewlieni xjentifiku li ma satax jinstab f'Dun Karm,[69] u li s-saċerdot Malti ġarrab biss minn Zanella l-influssi kommoventi tar-reliġjon u l-patrija. Xorta waħda wieħed għandu jqis illi kritiċi bħal Manni[70] sostnew li l-element deċiżiv fil-kumpless sħiħ tal-kitba Zanelljana għandu x'jaqsam mal-patrijottiżmu.

Psaila kien magħdud mill-Brigatisti bħala *un uomo qualunque*[71] li qatt ma seta' jersaq lejn il-kompożizzjonijiet ta' awturi Taljani ta' statura; l-istudenti universitarji kienu jqisu li għalih il-poeżija kellha minn invokazzjoni Kattolika devozzjonali u mbagħad, mal-qawmien tal-kwistjoni tal-lingwa, "saret polemika"; tqies ukoll illi Dun Karm kien "tradizzjonalista u kellu xorti li kiber bħala poeta aktar bis-saħħa tal-politika milli bis-saħħa tal-poeżija". Il-kwalitajiet eċċezzjonali tiegħu bħala poeta Malti f'ċerti xogħlijiet kienu rikonoxxuti iżda wieħed irid jikkunsidra li "kellu ż-żmien favur tiegħu". Bħala membri universitarji tal-Bibljoteka Nazzjonali Brigatisti li ġew f'kuntatt ma' Dun Karm iltaqgħu ma' diffikultajiet biex jaqraw kotba filosofiċi u oħrajn ta' bixra għal kollox letterarja, fosthom ta' D'Annunzio u Carducci, it-tnejn, fost ħafna oħrajn, imniżżlin fl-*Index Librorum Prohibitorum* (abolit fl-1969). Filwaqt li Psaila kien jagħraf, fost ħwejjeġ oħra l-merti ta' Carducci fl-*Inno a Satana*, kien iqis li ż-żgħażagħ ma kellhomx jaqraw mingħajr diskriminazzjoni u li l-letteratura liberalista hija provokanti u ġġib it-taħsir fl-ispirtu. F'kuntest strettament saċerdotali, din l-imġiba kienet taqbel mal-missjoni tiegħu bħala qassis f'dawk iż-żminijiet ta' oskurantiżmu, iżda hawn ukoll, Psaila xorta waħda jinkwadra ruħu f'qafas ripressiv.

Fil-libreriji ċirkolatorji fl-ibliet u rħula, Dun Karm, bħala bibljotekarju, kien jimmarka kotba "għall-professjonisti biss" jew "għal nies kolti" u ġieli żamm kotba milli joħorġu mill-Bibljoteka tal-Belt għal nies bla professjoni mqar meta kien mhedded b'rapporti lil E. Mizzi, Ministru ta' l-Edukazzjoni.[72]

It-tradizzjoni Taljana kienet dik li Dun Karm laqa' b'loġika u kien għalhekk li oppona l-isperimentazzjoni biżarra u r-realiżmu vulgarizzat.[73] Għalih, ir-rabta bejn il-ħajja u l-poeżija kienet waħda didattika u għalhekk l-influssi immedjati, it-ton melankoniku u t-tqallib sintattiku tan-*novissimi* tas-snin tletin ma setax kellhom inklinazzjonijiet favurhom min-naħa ta' Psaila. Fir-rassenja tiegħu ta' poeti kontemporanei Maltin, Oreste Ferdinando Tencajoli rrikonoxxa r-residwi klassiċi f'Dun Karm:

> *La poesia di Mons. Psaila è essenzialmente educativa; virgiliano come lo Zanella, egli ama le armonie della natura. La sua vena ha un po' del settecento veneziano calmo e dorato, la sua melodia dolce e risante ispirata tutta via a sentimenti classici .... In lui equilibrio e armonia si fondono in una magnifica sinfonia di grazia serena ....*[74]

B'kuntrast, l-aħjar Brigatisti *nuovi* ddikjaraw il-Papinjaniżmu tagħhom,[75] imħallat b'dak li huwa umoristiku u funebri fl-istess waqt, marbut biss mal-kunċett tal-*menefreghismo del pensiero*, imnissel mill-ewwel burdati




Il-qoxra ta' l-antoloġija *Nuovi Scrittori e Poeti di Malta*, bi prefazzjoni ta' Enrico Mizzi (1935)

Sturm und Drangjani tal-poeta Fjorentin. Papini kien l-ispirtu mqalleb li kkumbatta lil Croce, Hegel, Comte u Shopenhauer qabel ma kkonverta għal-letteratura "kattolika" li xorta waħda baqgħet tirrifletti bosta kunflitti. Il-Futuriżmu fil-lirika ta' żmien Dun Karm kien elabora dwaru Ġorġ Zammit (1912– ) li, mhux b'kumbinazzjoni, jista' jingħadd ma' Karmenu Vassallo (1913– ), Briffa (1906–62) u Buttigieg (1912–83) bħala romantiku liriku li nqata' mill-influwenzi monolitiċi ta' Psaila. Waqt li għamel il-premessa li l-Italja ħtiġilha twarrab il-mudelli l-qodma, Zammit wera x-xhieda ta' l-influssi ta' tiġdid fil-lirika li tnisslet mill-ewwel forom insolenti ta' Marinetti:

> *Il Futurismo, come tentativo verso un sistema d'arte tutto nuovo, ha fatto poco; come movimento tendente a liberare l'arte moderna dall'eleganza delicata e insincera, dalla troppo servile imitazione dei vecchi modelli, dal putridume che emana dall'attaccamento cieco alle forme esterne tradizionali, ha fatto moltissimo.*[76]

Il-konklama tal-poeti l-ġodda favur l-Italja ta' Mussolini f'Malta kienet qed tingħata l-attenzjoni ta' kritiċi influwenti bħal Tencajoli, li fakkar li l-letteratura lokali bl-ilsien Taljan tagħmel tajjeb li twettaq il-fehma tal-Papa Piju XI li lemaħ fil-mexxej Taljan *l'uomo inviato dalla Providenza*, il-mexxej li għaraf jerġa' jagħti d-dinjità lin-nazzjon qadim Ruman bis-saħħa ta' *era di concrete realizzazione in ogni campo, e, col Concordato del 1929, felicemente concluso fra l'Italia Fascista e la Santa Sede Apostolica ... pace religiosa.*[77]

Il-filotaljani Maltin kienu jemmnu li Dun Karm sab xorti fuq in-naħa ta' l-Ingliżi u li l-Gvern Kolonjali kien qed jinqeda bil-kwalitajiet letterarji tiegħu bħala arma politika biex jikkumbatti l-ispirtu tar-rinnovament Taljan,[78] imseddaq minn politiċi ta' nebħa risorġimentali li raw rabta intima bejn it-tradizzjoni Latina u l-moviment għall-emanċipazzjoni politika;



Il-Papa Piju XI sejjaħ lil Mussolini
"il-bniedem mibgħut mill-Providenza"

kienu jifhmu illi Psaila kien qed jittradixxi, imqar bla ma jaf, il-ħsieb Mazzinjan tal-patrija bħala l-qofol ta' kull xorta ta' identità;[79] il-qagħda anglofili ta' Dun Karm, mill-banda l-oħra, tidher aċċertata minn għadd ta' naħat u b'diversi argumenti, minbarra l-ħjiel abbundanti li jista' jinstab fil-poeżija tiegħu, xhieda ta' diversi kurrenti ta' ħsieb li aċċetta d-destin politiku ta' Malta mħares mill-immaġni materna[80] ta' l-Ingilterra. Minn dan wieħed jista' jifhem għala t-tensjoni nazzjonali fi Psaila hija mrażżna b'daqstant prekoċità.

Il-mixja mill-aktar attenta ta' Psaila biex ikunu evitati l-kurrenti mqallba bejn il-Mussoliniżmu u l-Imperjaliżmu ma tidhirx li ntlaqgħet biżżejjed mill-ġenerazzjoni ta' wara li fittxet aktar fil-fond biex tara x'residwi għadhom jeżistu taħt il-fiżjonomija rtukkata ta' Malta. Minkejja l-ġibdiet tiegħu lejn id-destin tal-prammatiżmu kolonjali ta' Malta, il-formazzjoni kulturali tiegħu torbtu mal-konċezzjoni letterarja risorġimentali romantiċizzata b'għodod neo-klassiċi, li m'humiex neċessarjament it-termini li jfasslu d-demokratizzazzjoni tal-ġens. Dan fehmuh ukoll il-kontemporanei ta' Dun Karm, li ħassew li l-moviment tal-"ilsien Malti" kien awtodidatta u retrogradu, bil-figura ta' Psaila, meqjus (mhux b'irreverenza) bħala "esponent ta' poetika fossilizzanti" u "proponent ta' l-arkadja sejċenteska",[81] tiddomina *status quo* formalistiku li jopera fil-limiti ta' strutturaliżmu kolonjali u provinċjali. Retrospettivament, fi Psaila dejjem kien hemm indikata sottovalutazzjoni nazzjonali li ma emmnitx li l-poplu sata' jieħu rajh f'idejh kompletament. L-attività letterarja baqgħet topera f'konfini skolastiċizzati u marġinali, li donnhom innegaw il-possibbiltà ta' l-awtoġestjoni politika.

Hawnhekk, min-naħa l-oħra jistgħu jerġgħu jiddaħħlu awturi Maltin impenjati soċjalment, fosthom Borg, Ellul Mercer, Orlando, Mamo, John F. Marks (1894–1954) u Ġino Muscat Azzopardi (1900–1982). Filgħaxijiet kienu jinġemgħu regolarment fil *Cafè Regina*, il Belt[82] u jiddibattu fost ħwejjeġ oħra, il-ħtieġa li jitwasslu l-kotba ta' awturi barranin għand il-ħaddiema;[83] li n-nies tax-xogħol jibdew jintebħu x'ifisser li jaħsbu b'moħħhom u jaġixxu skond il-kuxjenza[84] u li l-ħsieb rivoluzzjonarju jitwassal fid-djar, fil-ħwienet tax-xogħol u nħawi bħat-tarzna.[85] Qanqlu wkoll diskussjonijiet bi ftehim li l-letteratura għandha taqdi funzjonijiet soċjali biex il-poplu jifhem realtajiet li jiddeterminawlu l-kundizzjoni soċjali tiegħu. Dimech kien meqjus minn uħud bħal Muscat Azzopardi u Ellul Mercer bħala pijunier u xempju tas-Soċjaliżmu[86] li l-qofol tiegħu kien meħtieġ li jkun studjat kif jixraq.

F'dan il-kwadru kien diskuss ukoll safejn il-letteratura kellha tasal biex tfiehem lill-ħaddiema illi "l-edukazzjoni hija aqwa mill-istess liġi".[87] Il-kuxjentizzazzjoni politika fil-letteratura f'dan is-sens kienet tikseb il-kwalitajiet ta' strument li bih il-kotra titgħallem taħseb u b'hekk tintrafa' "mill-istat baxx ta' dehen illi fih tinsab".[88] Huwa f'dan id-dawl li jrid jirkaċċja l-kontribut tal-letterati li riedu l-emanċipazzjoni kompleta u militanti tal-ħaddiema, maqtugħa mill-influwenza klerikali.

B'kuntrast, il-poeżija ta' Psaila segwiet nebbiet u forom bil-wisq aktar innokwi. Hemm min osserva li eżerċizzji letterarji bħal tiegħu huma politikament "muti", mingħajr l-ispunt ta' fejda biex il-kontenut soċjali jkun mistħarreġ b'intwizzjoni kontemporanea. E. Bartolo[89] jikkwota lil Heidegger f'dan il-kuntest: *In the colonial situation 'the poet comports himself as if he was the creator and master of language, whereas it is, to the contrary, language which is and which remains his master'.* F'dan is-sens, Bartolo jifhem illi l-poeżija tradizzjonali hija interjorizzata, u filwaqt li tinqata' mill-finijiet ta' *process* storiku inventiv, tersaq lejn stat ta' *rigor mortis* fin-nazzjon-kolonja.[90] Għax imqar jekk il-premessa ta' l-akkwist tal-jeddijiet tal-lingwa hija fiha nfisha att ta' nazzjonaliżmu, il-letteratura nqabdet fin-nassa tal-formaliżmu;[91] l-ostaklu tal-lingwa kien pass lejn il-liberazzjoni ta' Malta: *but a lot of the poets mistook the winning of this skirmish for the total victory... they thought the only requisite for a free nation was the acknowledged use of its national language. This facile optimism belies their undeveloped national consciousness.*[92]

It-teżi ta' l-Italjanità ġġarrfet mad-dikjarazzjoni ta' Mussolini li daħal fil-gwerra fl-10 ta' Ġunju, 1940, minkejja n-nuqqas ta' preparazzjoni militari fil-kamp Faxxista, ħlief għall-qawwa navali Taljana, tant li l-popolazzjoni sofriet l-umiljazzjoni ta' "invażjoni" Ġermaniża bl-iskop li jkunu sorveljati l-istrateġiji armati u ekonomiċi fil-peniżola. Fid-19 ta' Awissu, 1940, Dun Karm kiteb lil Ġ. Aquilina u għarrfu li beda jikteb sunett bil-*lingua nostra* lil Mussolini.[93] Iż-żewġ versi li laħaq ikkompona

*E pare che sta volta Mussolini*
*Abbia fatto i conti senza l'oste*

jistgħu jitfetħu minn diversi naħat li jkomplu jitfgħu dawl fuq l-ambigwità li tixref minn ħin għal ieħor fix-xeħta elusiva tal-moderazzjoni tipika tal-poeta. Meta wieħed iqis id-dispożizzjoni Angliċizzata ta' Dun Karm sa dak iż-żmien, iż-żewġ versi li fetħu s-sunett mhux komplut jistgħu jidhru ċiniċi, aktar u aktar meta wieħed jikkonsidra wkoll li anki Aquilina kien tal-fehma li r-rabta ta' Malta ma' l-Ingilterra kienet "providenzjali".[94] Interlokuzzjonijiet oħra li jinsew għal ftit l-esperjenza mnemonika skond il-kriterji ta' xi ħadd bħal Richards, jistgħu jiżvelaw aspetti oħra interessati minn interpretazzjoni awtonoma, ta' karattru ambivalenti u diskutibbli.

## NOTI

55. *Ibid.*
56. *Vide infra.*
57. *Vide* V. Laurenza, *La Questione del metodo negli studi letterari* e *la Letteratura Italiana in Malta*, test moqri fl-Università ta' Malta 31/10/1924 u mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern (Malta, 1924).
58. *Cfr.* A. Cini, il-monografija *Origine e sviluppo della Lingua Italiana in Malta* (2a. Edizione, Malta, 1931).
59. Ta' min jinnota fit-test ta' Tencajoli (*ult. cit.*) lessiku determinament Faxxista: *eterni, tradizione, gloriosa, divine, destinate, trionfo.*
60. Tipografija Gauci, Valletta, Malta, 1935.
61. *Cfr. La Brigata* (Anno III, N. 4, 1934), pp. 99–100.
62. *Vide Primo Convegno di Poeti Neo-Rondisti* (L'Isola, Malta, 1951). Pellegrini kien qiegħed jikkollabora mal-poeta Milaniż Erminio Tedeschi; laqgħa li kellu l moviment neo Rondisti f'Malta kkummentaw, fost oħrajn: *Il Giornale letterario di Milano* (15/3/1950), *Il Messaggiero di Roma* (30/3/1950), *Pensiero ed Arte* (Bari, Giugno-Luglio, 1950), *Stella d'Italia* (Beunos Aires, (7/8/1950)).
63. *Vide Nuovi scrittori e poeti di Malta, cit.*, p. 143.
64. *Tagħrif* mogħti lill-awtur minn Cremona, 13/7/1984. Xogħlijiet imxerrdin ta' Cremona dehru bejn l-1938–39 f'rivisti importanti bħal *Poeti d'Oggi* (Asti), *Quaderni di Poesia* (Milan), *Conquiste* (Ruma), *Il Piccolo della Sera* (Trieste), *Fronte Unico* (Ruma) *Revue Nationale* (Bruxelles) u *Olimpo* (Salonika, Greċja). Fl-1938 dehret ukolll-antoloġija tiegħu *Eliotropi*, li Giov. Descalzo ta' *L'Italia* rrefera għaliha bħala x-xogħol tal-poeta l-aktar rappreżentattiv ta' Malta (reċensjoni fil-kollezzjoni tal-poeta, n.d.)
65. *Tagħrif, ibid.*
66. Vide *Fascismo e società Italiana* (Einaudi, Torino, 1973), p. 221.



Manwel Dimech



Dun Karm

67. Il-pubblikazzjonijiet soċjo-letterarji Taljani f'Malta kienu saru kotrana. L-Ingliżi kellhom għajnejhom miftuħin dwar *Il Giornale di Politica e di Letteratura* dirett minn Umberto Biscottini, membru ewlieni fl-Uffiċċju Taljan għall-Affarijiet Barranin u li kien jispeċjalizza fi propaganda letterarja Faxxista. Estratti minn Malta kienu riprodotti ta' spiss f'ġurnali fl-Italja, fosthom fit-*Tribuna, Lavoro Fascista, Corriere Padano, Regime Fascista, Gazzetta del Popolo* u *Tevere*. *Cfr.* R. Borg *op. cit.* p. 30.

68. O.F. Tencajoli, *op. cit.* p. 148.

69. *Cfr. La Brigata* (Anno I, N. 10, 1932), p. 270.

70. G. Soler, *La Lirica Patriottica del Manni* fi *La Brigata* (Anno I, N. 10), pp. 270 – 273.

71. Il-kwotazzjonijiet f'dan il-paragrafu, ingħataw bħala *Tagħrif* lill-awtur preżenti li ntalab juri s-sors jekk ikun mitlub privatament.

72. *Tagħrif* lill-awtur mogħti minn Ġ. Azzopardi, 10/7/1984.

73. *Cfr.* Ġ. Cardona, *Dun Karm, Ħajtu u Ħidmietu* (KKM, Malta, 1972), pp. 172 – 3, 186 u 245.

74. O.F. Tencajoli, *op. cit.*, p. 81. F'nofs is-snin Tletin, Tencajoli offra li jxandar edizzjoni esklussiva bix-xogħlijiet ta' Dun Karm, iżda Psaila oġġezzjona għax emmen li l-kritiku Taljan kien ser jinqeda bih "biex jattakka 'l-egħdewwa li sata' kellu". (*Tagħrif* lill-awtur minn Ġ. Diacono, *cit.*). F'kumment ieħor dwar Psaila f'*Poeti Maltesi*, Tencajoli fisser li xogħlijiet tal-poeta bid-*dialetto locale* kienu qegħdin juru *armonia* u *potenzialità*; il-kritiku mbagħad wera kif E. Rossi kkonfronta *Il-Musbieħ tal-Mużew* ta' Dun Karm ma' l-odi ta' Zanella, *Una conchiglia fossile: l'intonazione ed il pensiero sono identici (Rossi, Lingua Italiana, Dialetto Maltese e Politica Brittanica a Malta* (Giusti Ed., Livorno, 1929), pp. 55 – 56. Tencajoli qies li dan il-paragun kellu jittieħed bħala *un elogio* (*op. cit.*, p. 83).

75. Kien ewlieni f'dan is-sens Salvatore Marinelli li wara l-istudji tiegħu fl-*Umberto Primo*, fittex kemm seta' biex jifforma ruħu intelletwalment mill-aħjar sorsi lettero-filosofiċi Ewropej.

76. Ġ. Zammit, *op. cit.*, p. 5.

77. O.F. Tencajoli, daħla għal *Vele Allo Orizzonte* (Malta, 1935), p. 12.

78. *Tagħrif* lill-awtur preżenti mogħti minn Iris pace, bint Pawlu Pace, ħabib intimu ta' Nerik Mizzi u editur tal-*Patria* bejn l-1900 u l-1900.

79. *Ibid.*

80. Dan jerġa' jitfa' dawl fuq in-neċessità tal-kritika psikanalitika f'Dun Karm. Ix-xbiha ta' l-Omm hija rikorrenti bħal mottivi oħra li jixhdu l-melankonija kronika tal-poeta. Għal dibattitu dwar aspetti mill-personalità ta' Dun Karm *vide* Ġ. Aquilina, Ġ. Cardona, K. Sant, P. Xuereb f'*The Sunday Times of Malta* 15/10/72 – 12/11/72.

81. *Tagħrif* mogħti minn J.J. Cremona, 20/6/84.

82. *Tagħrif* mogħti lill-awtur preżenti minn A. Muscat Azzopardi, l-armla tal-kittieb li għaqqad flimkien it-teatru, il-letteratura u l-ġurnaliżmu biex jifforma identità intellettwalizzata fil-Partit tal-Ħaddiema sa mill-1922.

83. *Cfr. X'Nieħdu billi Nużaw il-Kotba* f'*Labour Opinion* (N. 123, Sena III, 21/5/1925) fejn intqal li l-letteratura għandha sservi biex issir "konverżazzjoni mentali" ma' wħud bħal "Shakespeare, Milton, Tolstoy, Tennyson . . ." *Cfr.* ukoll, fost oħrajn, *Kemm jiswa t-Tagħlim: il-Qari huwa l-Muftieħ għalih, Labour Opinion* (23/4/1925).

84. F'konferenza ta' Ġino Muscat Azzopardi fiċ-Ċentru tal-Ħaddiema, l-Isla, 3/1/1932, issemma, fost oħrajn, il-kliem tal-Papa Innoċenzju III: "Kulma tagħmlu kontra l-kuxjenza tagħkom jibgħatkom l-infern". Kienu kkwotati wkoll it-teżijiet ta' teoloġi bħal A. Natalis, il-kardinali Jacobatius u Newman, San Bonaventura, Escobar, Vasquez u Navarrus, li lkoll qablu li "l-bniedem għandu jimxi skond il-kuxjenza". *Cfr.* ukoll *Dr. Xekkek* (19/9/1931, 17/10/31, 24/10/31).

85. *Tagħrif, ult. cit. Cfr.* ukoll Ġ. Ellul Mercer dwar li l-ħaddiem m'għandux jibqa' jaċċetta "eżistenza miżera u abjetta, bħal tal-ħanex, bħal tal-bugħarwien li jitkaxkar fid-dlam ta' taħt l-art u qalb l-umdità u jiekol mill-qżież li jsib, mingħajr ebda kont, u kull min jogħġbu lilu jirfes u xħin irid jiddistruġġi" (*Il-Kotra*, 29/4/1927).

86. *Ibid.* Għal analiżi ta' Soċjaliżmu kif mifhum f'Malta f'dawk iż-żminijiet *vide* Ġ. Muscat Azzopardi, *Is-Soċjaliżmu u l-Papa Ljun XIII* (*Il-Kotra*, 5/5/1927), fejn l-awtur stqarr li ma kienx hemm ħsieb li s-sistema tiddaħħal f'Malta.

87. *Ibid.*

88. *Il-Kotra*, 1/7/1926.

89. E. Bartolo, *The Poetry of Silence*, Teżi għall-B.A. (Università ta' Malta, 1976), p. 2.

90. *Ibid.*

91. *Ibid.*, p. 11.

92. *Ibid.*

93. *Cfr.* Ġ. Cardona, *op. cit.*, p. 216.

94. Waqt *lecture* fil-British Council (*Towards an Anglo-Maltese Culture*, 1943) Ġ. Aquilina kien ħeġġeġ biex il-Maltin jaċċettaw id-dominazzjoni *as the inevitable destiny of islands in the recurring contest of world power* u li l-popolazzjoni jmissha trodd ħajr lill-Providenza *for aligning us to the greatest power of the time so that Malta has now come to be considered as the index of the dominating nation.*

## IR-RUMANZ STORIKU-ROMANTIKU

**•jissokta minn p. 209**

11. Ara, *Toni Bajada* (1878), p. 12, *Pawlu Xara* (1879) p. 33 – 43, *Susanna* (1883) p. 57 – 9, ilkoll ta' Ġużè Muscat Azzopardi, *Sander Inguanez* (1892) p. 14 ta' Carlo Alberto Micallef, *Il-Barunissa Maltija* (1893) ta' Salvatore Frendo de Mannarino, p. 78 – 80, *Il-Familja Muxi* (1896) ta' G.A. Galea, p. 76 – 7, *Taħt Tliet Saltniet* (1938) p. 87 – 92 ta' Ġużè Aquilina u *Lejn ix-Xemx* (1958) p. 104 – 13 ta' Ġużè Bonnici.

12. Barra l-kittieba Maltin, insibu oħrajn barranin bħal Manzoni fl-Italja u Ainsworth fl-Ingilterra, li jinqdew bl-istorja dokumentata kelma b'kelma fir-rumanzi tagħhom.

13. *Barunissa Maltija* hu r-rumanz waħdieni fejn tissemma l-ġlieda bejn Maltin Insara u Luterani, diwi dgħajjef ta' dak li ġara fi Franza.

14. Meta l-Malti jaqleb dinu, dan ikun biex b'xi mod ikun jista' jaħrab, meta tiġih ix-xoqqa f'moxtha.

15. Ara, Fielding, Henry, *Tom Jones*, VIII, i.

16. Ara, fost l-oħrajn, Cagliola, Fabrizio, (1604 – 65), *Le Disavventure Marinaresche o Sia Gabriello Disavventurato*, (1605) MS; Michallef, Carlo (? – 1669), *Ismeria ossia Allegrezza della Francia nei Stupori dell'Egitto*, (1648).

17. Ara, Dun Ġużepp Farrugia Giojoso, *Min Kien Aħmed* (1910), u Ġużè Muscat Azzopardi, *Ċensu Barbara* (1893) fost l-oħrajn.



# PATRI MARJANU VELLA *DWAR* ID-DINJITÀ TA' DUN KARM

**IL-KUMMENTI fuq Dun Karm ma jieqfu qatt. F'din l-intervista qasira, Marjanu Vella O.F.M. (twieled fl-1927), studjuż gradwat fil-Letteratura Taljana, jagħti kumment mill-aktar bilanċjat fuq il-poeta nazzjonali u l-influwenzi li ħakmu fuqu mil-Letteratura Taljana. Kif jistqarr Patri Vella stess, "Illum nammirawh, imma ma nikkopjawhx."**

• *X'valur taħseb li għandu Dun Karm fil-Poeżija Maltija?*

L-ewwelnett lil Dun Karm hawn min għollieh sas-seba' sema, speċi: ħliefu la qatt ikollna u ma nilħqux li kiteb hu, u hawn min issa beda jkasbru, qisu, jew anki jgħaddih kemm biż-żmien anki fil-poeżija. Imma insomma, hu x'inhu, Dun Karm għalija huwa l-bniedem li ta dinjità lill-ilsien Malti. Issa Dun Karm, kull ma kiteb kollu tajjeb ħafna? Ma jistax ikun kollox tajjeb.

Għandu t-tajjeb ħafna, speċjalment meta kiteb il-lirika, ma kien influwenzat minn ħadd; imbagħad għandu l-poeżija l-oħra devozzjonali u mindaqqiet devozzjonali ħafna, fih ħafna, ngħidu aħna, riħa ta' inċens, riħa ta' xemgħa qed tintefa, imma għandu innijiet tassew sbieħ ukoll.

Imbagħad għandna ċerti oħrajn, li, huma taħt influwenza Taljana wisq ngħidu aħna, Pascoli: għandu *Il-Vjatiku* – diwi ta' Pascoli ħafna, u għandu ħafna minn dawn.

Biss Dun Karm jibqa' poeta li ta dinjità lil ilsienna, għax qablu u immedjatament warajh, il-poeżija kienet biss taqbil qisna qegħdin bil-kitarri.

Dun Karm ta solennità u dinjità. Xi ħadd kien qal, ma niftakarx min, jekk mhux Cremona, li Dun Karm qisek qed tisma' l-qniepen ta' San Ġwann, solenni – tħoss ċerta sollennità. Hemm ħafna qima fih, hemm ħafna riċerkatezza tal-kelma, joqgħod attent għar-ritmu u minn dawn l-affarijiet. Illum aħna nħarsu lejh, nammirawh, imma ma nikkopjawhx.

Min jikkopja lil Dun Karm m'hux qed igħix fiż-żmien li qed ngħixu fih illum. Dun Karm qiegħed biex bniedem fil-kwiet, m'għandux, per eżempju, x'jagħmel ħafna, m'għandux ħafna toqol fil-ħajja, joqgħod jaqrahom bil-kwiet il-poeżiji tiegħu.

Fil-fatt hu dokument ta' Dun Karm kbir meta hu kien jinsab igħix waħdu u ppreżentalna, per eżempju, *Il-Ġerrejja u Jien* jew *Il-Jien u Lil Hinn Minnu*: dawk huma poeżiji kbar ħafna li juru 'l Dun Karm proprja mingħajr l-influwenza ta' Poeti Kbar Minuri Taljani.

Lil Dun Karm ma influwenzawhx il-Poeti Kbar Taljani, influwenzawh dawn il-Minuri, jekk 'il Pascoli, wieħed minnhom li semmejt, nikkunsidrawh bħala wieħed mill-kbar fost il-Minuri. Croce jgħid fuq Pascoli li l-poeżija tiegħu *vacilla tra il genio e il pasticcio* jiġifieri ma nafux fejn se nqiegħdu l-poeżija tiegħu: jew bħala ġenju jew ma qal xejn u daħak b'kulħadd.

Jiġifieri mill-kbar fost il-Minuri nikkunsidra lil Pascoli għalkemm hawn min jikkunsidrah bħala wieħed mill-kbar nett, mill-kbar ta' das-seklu – huwa, D'Annunzio u Carducci eċċ. Biss, għalija, Dun Karm ta dinjità kbira.

# خطوةً خطوةً إلى المستوى العادي (٥)
# Pass pass lejn il-Livell Ordinarju (5)

•jaqbad minn paġna 200

ف



ف را ش ة ← فَرَاشَة



ك ت ف ← كَتِف

ق



* ق ل ا د ة ← قِلاَدَة



ا ب ري ق ← ابْريق

* Osserva l-forma li jieħdu l-*lem* u l-*elif* meta l-*elif* tiġi wara l-*lem*.

ك



ك ت ك و ت ← كَتْكُوت



م ل ك ← مَلِك

# ل



فَلاَّح ← فَ ل ل ا ح *



لَيْمُون ← ل ي م و ن



خَيْل ← خ ي ل

* Osserva l-forma li jieħdu l- ل u l- ا meta l- ا tiġi wara l-ل

---

# م



مَطَر ← م ط ر



سَهْم ← س ه م

---

# ن



نَافُورَة ← ن ا ف و ر ة



بَطْن ← ب ط ن



هَاتِف ← ه ا ت ف ه



لَهَب ← ل ه ب



مُنَبِّه ← م ن ب ه

---




وِسَام ← و س ا م و



دَلْو ← د ل و

---



يَد ← ى د ى



شُرْطى ← ش ر ط ى

• jissokta f'ħarġa oħra



# Mingħand il-Qarrejja

Qed jogħġbuni ħafna l-kitbiet ta' Mario Azzopardi fuq is-soċjo-realisti. Ma kontx naf li qabel u wara t-Tieni Gwerra kien hawn nies bħal Ġużè Bonnici, John F. Marks u Ġino Muscat Azzopardi li tant batew u ħadmu għal-lingwa tagħna. Prosit ukoll tar-ritratti. Mhux biżżejjed li dawn in-nies insemmu t-toroq għalihom u naqraw ix-xogħlijiet tagħhom. Hemm bżonn li jkollna Mużew tal-Letteratura Maltija, bħalma pajjiżi oħra għandhom għal-Letteratura tagħhom.

**Simon Abela**
**Il-Belt Valletta**

L-istudji ta' Ġużè Cassar Pullicino qed jogħġbuni wisq. Ix-xogħol tiegħu narah mimli eżattezza, konsistenza u interess. Il-kontribuzzjonijiet tiegħu jeħtieġ jibqgħu jidhru għax aħna l-istudenti tal-Malti neqsin wisq minn informazzjoni bħal din fuq l-Istorja tal-Malti.

**Nicholas Bonello**
**Is-Siġġiewi**

Ilu issa ma jidher xi profil fuq xi kittieba tal-Malti. Għalfejn qtajtuhom? Fihom kemm kont nieħu gost. Għalkemm din il-kitba m'hix għall-eżami, xorta waħda tinteressana lilna l-istudenti tal-Livell Ordinarju. Nixtieq li tħalliha regolarment f'kull ħarġa.

**Moira Callus**
**Santa Venera**

***Nota editorjali:*** Ir-rubrika tal-profili m'aħniex se naqtgħuha. Lill-korrispondenta tagħna nirringrazzjawha għall-kummenti l-oħra li bagħtitilna fl-ittra twila tagħha u ngħarrfuha li fil-ħarġa li jmiss ta' Novembru se jkun hemm profil ieħor fuq wieħed mill-kittieba ewlenin tal-Malti.

Il-mudelli tal-komponimenti ġenerali nsibhom bżonnjużi ħafna għalija. Għall-eżami kelli bżonnhom u ddispjaċini talli ma studjajthomx. Għalhekk, nixtieqek iddaħħal aktar minnhom, l-aktar bħall-komponimenti ta' l-eżami tagħna.

**Jennifer Delicata**
**Ir-Rabat, Malta**

Fl-ewwel ħarġa ta' *Mis-Sillabu* kontu ġibtu rapporti sħaħ fuq ir-Rapporti ta' l-Eżaminaturi. Nittama li din is-sena skolastika terġgħu ġġibuhom għax bihom tgħallimt ħafna, allavolja fuq kotba ta' sillabu ieħor. U tinsewx tagħmlulna l-istatistika ta' kif kienu marru l-istudenti għax lili u lil sħabi werwruna ħafna u bdejna nistudjaw bis-serjetà mis-sena l-oħra.

**Julian Spiteri**
**Ħal Għaxaq**

Nixtieq, bħala omm ta' żewġ studenti li qed jistudjaw għall-Matrikola tal-Malti, nifirħilkom għax-xogħol siewi li qed tagħmlu bħala Bord Editorjali għal uliedna. Meta kont daqshom qatt ma sibna għajnuna kbira, effiċjenti u, kif għedt inti f'wieħed mill-Editorjali tiegħek, immedjata għall-eżami. Għalkemm ikolli x'nagħmel bħala xogħol tad-dar matul il-ġurnata, ir-rivista tagħkom naqraha kollha minn xahar għal xahar għax qed nitgħallem wisq minnha u niftakar fi tfuliti meta kont għadni nistudja l-Malti. Ibqgħu għaddejjin bl-istess ritmu, għax kif naħsibha jien jaħsbuha ħafna żgur.

**Anna Calleja**
**L-Imrieħel**

Irridu iktar minn pjan wieħed għall-komponimenti. L-aħħar wieħed li qrajt kien fuq id-drogi u għoġobni wisq. Il-punti li semmejt kienu kollha tajbin u ma nafx kif sħabi l-istudenti jipproduċu xogħol ta' livell baxx għal-lezzjoni tal-Malti.

**Jesabel Pullicino**
**Birkirkara**

Nixtieqek tkompliha s-sensiela li bdejt fil-ħarġa nru. 8 fuq il-"Postijiet fil-Poeżija ta' *Il-Għid taż-Żgħożija*". Il-poeżiji ta' Pisani, għalkemm ħfief, iktar inħosshom attwali b'dan it-tagħrif. U kieku kont jien, kont niftaħ ukoll fuq xi nies li jissemmew fil-poeżiji, bħal Hitler u Mussolini, li ma nafx x'kellhom x'jaqsmu ma' Ruma.

**Tonio Cauchi**
**Ħal Qormi**

In-noti li qed tagħtina fuq il-grammatika huma ħfief u nifhimhom mill-ewwel. Nixtieqek tieħu xi aspetti oħra tal-grammatika biex ikollna preparazzjoni biżżejjed għall-eżami, l-aktar fejn jidħol it-taħriġ tat-Tagħrif Grammatikali. Għala ma tiħux xi karta ta' l-eżami u tweġibhomlna l-mistoqsijiet ħalli naraw aħniex inwiġbuhom tajjeb?

**Manwel Agius**
**Il-Bidnija**

Sibtu interessanti ħafna r-rapport li tajt tas-"Seminar li sar għall-għalliema tal-Malti" (*Mis-Sillabu*, vol. 1, p. 110–111). Ta' l-anqas nafu l-eżaminaturi issa x'iridu mingħandna l-istudenti. Hemm ċerti affarijiet li lanqas biss konna nafuhom. Tajjeb li wieħed mill-eżaminaturi semma fuq liema oqsma tal-ħajja jingħataw it-titoli tal-komponiment ġenerali, bħall-aspetti soċjali u teknoloġiċi, l-aspetti psikoloġiċi u filosofiċi, l-edukazzjoni u d-drittijiet u d-dmirijiet. Imma jidhirli li l-eżaminaturi gergru wisq kontriena l-istudenti talli ma nafux nispellu bil-Malti. Fl-aħħar mill-aħħar ma nafx għalfejn għamilna ħames snin jekk mhux aktar nistudjaw il-grammatika tal-Malti meta, skond l-eżaminaturi, qed ikun hemm dawn l-iżbalji kollha. Bilfors li s-sistema li qed tintuża fit-tagħlim tal-Malti hija ħażina.

**Raymond Xuereb**
**San Ġwann**

Għalkemm l-artikoli fir-rivista tiegħek qed ikunu sbieħ ħafna, nixtieqek tagħti kas aktar tat-tweġibiet li jservuna ta' mudelli għall-eżami tagħna. Fl-ewwel ħarġa kontu bdejtuhom bil-poeżija ta' Marċell Mizzi. Ma nafx għax ma kompletjtuhomx. Fil-klassi l-għalliem qatt ma jagħtina minnhom u ma nafx x'se nagħmel mingħajr l-għajnuna tar-rivista tiegħek.

**Adriana Chetcuti**
**Il-Mosta**

***Nota editorjali:*** Radd il-ħajr lil din l-istudenta u lil bosta oħrajn li huma daqshekk akkaniti għar-rivista. Tant qed ikollna materjal ġdid li kull darba niġu daharna mal-ħajt liema se nagħżlu. Imma billi kellna bosta talbiet għal dawn it-tweġibiet mudelli, se nibdew minn din il-ħarġa nagħtuhom l-importanza li jixirqilhom. Nixtiequ li tibagħtulna l-kummenti tagħkom fuqhom u xi talbiet oħra li jidhrilkom li għandkom bżonn għall-eżami, sew għall-Ewwel Karta kemm għat-Tieni.

# KOTBA GĦAL IDEJK




**Għażiż Karmenu...**
huwa ktieb forma ta' ittri li jirrakkonta silta sabiħa mill-ħajja letterarja ta' Karmenu Vassallo fl-isfond tar-Romantiċiżmu Malti. Hawn ittri ta' bosta kitieba stabbiliti bil-Malti, fosthom Dun Karm, Ġorġ Pisani, Ġorġ Zammit u Francis Ebejer. Ktieb li għandu jinqara mill-istudenti kollha tal-Malti, kemm tal-Livell Ordinarju kif ukoll tal-Livell Avvanzat.




**Nirien** (1938) huwa l-kapolavur ta' Karmenu Vassallo u wieħed mill-pilastri ewlenin tar-Romantiċiżmu Malti. Ilu nieqes mill-ħwienet mill-1968 u l-kumpanija P.E.G. qed tissokta bit-triq li qabdet biex tagħni u ssaħħaħ il-Letteratura Maltija. **Nirien** huwa wieħed mill-ftit xogħlijiet awtentiċi bil-Malti, fis-sens dejjaq tal-kelma. Fih ġabra ta' dmugħ, ta' biki, ta' niket u ta' qsim il-qalb minn Vassallo żagħżugħ, maħruq fin-nirien ta' dawn is-sentimenti qliel. Il-qarrej ta' **Nirien** se jġarrab tabilħaqq il-profondità ta' Vassallo u tal-Letteratura Maltija.

peg Publications

**Publishers Enterprises Group (P.E.G.) Ltd,**
P.E.G. Building, Triq Herbert Ganado,
Ħamrun, Malta.

Telefon: 24186